# analiżi

VOL. 1, N. 1 OTTUBRU – NOVEMBRU 1987

LYCEUM ... RARY



RIVISTA TA' KRITIKA GĦALL-MATRIKOLA TAL-MALTI
PUBBLIKATA MID-DIPARTIMENT TA' L-EDUKAZZJONI.

Enjoy
Coca-Cola
REGISTERED TRADE MARK

# analiżi

## EDITORJAL

Il-ħruġ ta' din ir-Rivista **Analiżi** taħt l-awspiċi tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni għandu skop doppju: l-ewwel, li ngħinu kemm lill-istudenti u kemm lill-għalliema tal-Malti, imma l-aktar lill-istudenti, biex jistħarrġu u japprezzaw aħjar il-lingwa u l-użu tagħha fl-aspetti kollha li għandha; it-tieni, li nippreżentawlhom aspetti ġodda tal-kotba li għandhom għas-sillabu tal-Matrikola Ordinarja u tal-Matrikola Avvanzata mhux biex isibu n-noti lesti, iżda biex mill-kummenti tagħna joħorġu kummenti oħra li jwassluhom għal dik il-kreattività li tant tagħmel ġid fir-relazzjonijiet bejn l-istudent u l-għalliem fil-klassi u anki barra mill-klassi.

L-aħħar kummenti ta' l-eżaminaturi tal-Malti (ara r-rapport u l-kummenti tagħna li jidhru f'din il-ħarġa) huwa relevanti ħafna. Anzi jagħtuna raġun aktar l-għala hemm bżonn urġenti ta' rivista bħal din. Il-qagħda ġenerali ta' l-ortografija – biex nibdew minn ħaġa li bil-kemm imissha tissemma fil-Livell Avvanzat – hija waħda tal-biki. L-istess għal-Letteratura.

Hija x-xewqa tal-Bord Editorjali u tal-Kontributuri kollha li jiswew ta' ġid f'dawn iż-żewġ oqsma wiesgħa ta' l-eżami tal-Matrikola. Imma f'din ir-rivista se nħallu post għall-kontribuzzjonijiet kreattivi u oriġinali ta' l-istudenti u ta' l-għalliema u ta' kull ma jinteressah il-ġid u l-iżvilupp tal-Malti: nixtiequ l-kummenti tagħkom; irridu s-suġġerimenti li jidhrilkom li ta' min wieħed idaħħalhom f'din ir-rivista; jekk hemm xi mistoqsijiet li jidhrilkom li għandna nagħmlu aħna f'isimkom lill-eżaminaturi jew lill-awturi tal-kotba li għandkom u li għadhom ħajjin, ibagħtuhomlna u aħna nagħmlu minn kollox biex ngħinukom. Jekk għandkom xi kitba tajba jew li jidhrilkom li hi tajba, għadduhielna u aħna nxandruhielkom f'din ir-rivista.

Jalla nibdew naraw l-ewwel riżultati sbieħ mhux biss fl-eżamijiet tagħkom iżda fl-iżvilupp tal-letteratura moderna Maltija bl-għajnuna tagħkom iż-żgħażagħ.

L-Edituri jħossu li għandhom jirrikonoxxu pubblikament l-interess ta' l-għajnuna li offra d-Direttur ta' l-Edukazzjoni, is-Sur Frederick Fearne, sa minn Marzu, 1986 biex iseħħ dan il-proġett.

**Analiżi**

Rivista għall-Matrikola tal-Malti

Pubblikazzjoni tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni

c 1987 Dipartiment ta' l-Edukazzjoni

c Dritt Letterarju tal-kittieba

Kull jedd miżmum. Din ir-rivista qed tinbiegħ bil-kundizzjoni li ma tistax tinsilef, terġa' tinbiegħ, tingħata b'xejn, f'xi forma oħra ta' stampar jew qoxra ħlief kif inhi ppubblikata mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. L-ebda silta minn din il-pubblikazzjoni ma tista' tkun riprodotta b'xi mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, rekordjat jew b'kull mod ieħor mingħajr il-permess **bil-miktub** tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Stampat fir-"Rinella Printers"

**Chairman** tal-Bord Editorjali: DR PAUL HEYWOOD

Edituri: ĠORĠ MIFSUD u MARIO AZZOPARDI

Relazzjonijiet Pubbliċi: ADRIAN STIVALA

Awditur : JOHN FERNANDEZ

Indirizz Editorjali:
"Analiżi"
Il-Liċeo (Sezzjoni Umanitajiet), Misraħ Ġużè Debono,
Msida.

Tel: 224271/5 Est. 65 jew 225889

## MESSAĠĠ MID-DIRETTUR TA' L-EDUKAZZJONI

*Egħżież studenti u qarrejja,*

*Filwaqt li nixtieq nagħtikom merħba għal din is-sena li nittama tkunilkom sena ta' ħidma fejjieda, irrid illaqqagħkom ma' din ir-rivista ġdida, maħruġa għal ta' l-apposta għalikom mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Fiha jiena ċert li se ssibu kitbiet f'waqthom għall-istudji tagħkom tal-Malti biex, kif saħqu l-Edituri, intom toħorġu kummenti ġodda li jwasslukom "għal dik il-kreattività li tant tagħmel ġid fir-relazzjonijiet bejn l-istudenti u l-għalliem fil-klassi u anki barra mill-klassi".*

*Hawn ma rridx nibqa' lura milli ninsisti fuq l-importanza tal-Malti. Sa minn ċkunitkom jeħtieġ li tifhmu x'identità kbira tagħtina l-lingwa Maltija bħala pajjiż indipendenti fil-Mediterran. Il-ħidma li nbdiet minn Mikiel Anton Vassalli mal-mitejn sena ilu jeħtieġ tixtarruha sewwa, titrawmu fiha u tgħadduha lill-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni.*

*L-istudju tal-Malti u tal-Letteratura tiegħu ma jeqridx l-interess fil-lingwi l-oħra imma t-tnejn jirfdu 'l xulxin u jħajrukom dejjem aktar biex tistagħnew fl-esperjenzi avventurużi ta' ruħ il-bniedem fl-univers. Nawgura l-akbar suċċess lill-Bord Editorjali u f'isimkom nirringrazzjahom għax-xogħol sħiħ li qed jagħmlu għalikom.*

*Jalla din ir-rivista ssir tagħkom daqskemm diġà saret tiegħi. Jalla ssir it-tokk tad-diskussjoni tagħkom fil-klassi waqt il-lezzjoni tal-Malti!*

F. Fearne

NEW LYCEUM LIBRARY

# IL-ĠENERI DRAMMATIĊI MALTIN

## L-EWWEL PARTI TA' STUDJU MINN ĠUŻÈ DIACONO



*Dan huwa t-test ta' taħdita li għamel Ġużè Diacono f'Jannar, 1985 bħala parti mill-kors imniedi mill-Fondazzjoni Ġużè Ellul Mercer.*

**L-istint drammatiku huwa inerenti fil-bniedem, u d-djalogu l-aktar sempliċi u rudimentali, imqar bejn tnejn bi żfin u kant, nistgħu nikklasifikawh bħala dramm. Id-dramm beda ħafna qabel in-narrattiva, li bdiet l-ewwel fil-għamla ta' novelli, imbagħad wasal ir-rumanz.**

Kien minn ewl id-dinja li d-dramm wasal qabel in-narrattiva, għaliex id-dramm tnissel direttament mir-riti reliġjużi, u mal-mogħdija taż-żmien ipperfezzjoni ruħu, bħal meta fl-istati tal-Greċja tal-qedem, kienu ta' kull sena jiċċelebraw fl-areni il-ġrajjiet storiċi jew leġġendarji tagħhom — speċi tal-jum nazzjonali. Hawn m'għandix iż-żmien li ntawwal fuq dan l-aspett u fuq l-iżviluppi li waslu mat-teatru klassiku Grieg, imma nista' nieqaf minuta fuq l-idea Aristoteljana tal-"katharsis", kelma li tfisser tisfija. Għal Aristotele — u hawn qisu li antiċipa l-psiko-analiżi tagħna — l-udjenza kienet titwaħħad mal-karattri, tifraħ u tinkedd magħhom, tagħmel magħhom kemm it-tajjeb u kemm il-ħażin, tisfoga l-passjonijiet tagħna fil-persuna tal-karattri u hekk tissaffa minnhom.

Innotaw li qed nuża l-kelma "karattri" u mhux "atturi".L-attur m'hux għajr mezz biex ikun rappreżentat u proġettat karattru — lill-attur tammirah jew tmaqdru, il-karattru taqbel miegħu jew ma taqbilx, imma titwaħħad miegħu.

Nixtieq nagħti hawn l-elementi l-aktar sempliċi ta' l-idea drammatika: A jippersonifika lil B, waqt li Ċ qiegħed iħares. A qiegħed jipprovdi divertiment lil Ċ, u Ċ huwa lest li jaċċetta l-illużjoni — mhux li jasal li jqis lil B bħala brigant jew qattiel, imma għall-mument, jaċċetta li l-ġudizzju tiegħu — kif qal Coleridge, l-ispettatur jaċċetta l-illużjoni, m'hux għax siġra jaċċettaha bħala masġar, imma għall-mument jissospendi l-konklużjoni li siġra waħdanija m'hix masġar. Biex ikollna dramm, anzi drammatiċità, Ċ it-tielet fattur, huwa element sine qua non. Jekk wieħed jipprova jneħħi ħajtu u ieħor jipprova jżommu, ma hemmx dramm, imma sempliċiment konflitt ta' volontà, id-drammatiċità sseħħ jekk ikun hemm ieħor jew oħrajn li jkunu jaraw dak li jkun jiġri u fil-konfront tagħhom.

Il-ġrajjiet fihom infushom m'humiex drammatiċi. Id-dramm jeħtieġ il-għajn ta' min ikun iħares. Meta wieħed





jilmaħ id-drammatiċità f'qagħda jew ġrajja, ikun qiegħed jara l-elementi. Anqas il-konflitt fih innifsu ma hu drammatiku – fil-kimika u l-fiżika hemm il-konflitt, imma konflitt bħal dan m'hux dramm, iżda proċess sempliċi. Id-dramm m'hux proċess xjentifiku, imma fattur uman, li fih jidħlu l-moħħ u l-qalb, loġika u emozzjoni.

Il-konflitt drammatiku, l-emozzjoni, ir-rabta ma' l-udjenza jmorru lura sa Aristotele. "Katharsis" vis-à-vis udjenza timplika rabta sħiħa bejn karattri u udjenza.

Waqt dramm tajjeb, li jaħkem lill-udjenza emozzjonalment, l-udjenza tkun il-ħin kollu tagħmel paraguni personali ma' dak li tkun tisma' u tara fuq il-palk. Il-firda li l-awtur, *producer* u atturi jeħtieġ li jxejnu u jeliminaw waqt dramm m'hix il-firda fiżika bejn attur u udjenza, iżda firda drammatika bejn karattru u udjenza.

Għall-anqas, għal dak li hu teatru realista jew naturalista, ma nafx jekk tistax tgħid li l-udjenza tkun il-ħin kollu f'sensiha. Jaslu waqtiet persważivi ta' emozzjoni qawwija li fihom l-udjenza tħoss simpatija u rabta hekk qawwijin ma' xi wieħed mill-karattri, tkun hekk mitlufa f'tiġribu jew fir-raġunamenti tiegħu, li dik il-firda teatrali, dak il-bogħod bejn karattru u udjenza, jisfa' fixxejn.

Kull palk – m'għandniex x'ingħidu, barra l-palk fit-"theatre in the round"–fih tliet ħitan, imma r-raba' ħajt qiegħed hemm ukoll, mhux bejn karattri u udjenza, iżda wara l-udjenza, hekk li karattri u udjenza jinsabu f'ambjent wieħed. Ninsew il-gwarniċa tal-palk, ninsew ir-ribalta, li ħafna ma għadhomx iriduhom aktar, u nidentifikaw irwieħna ma'dawk li jkun hemm fuq il-palk u ma' ġrajjiethom u għemilhom.

Madankollu, l-awtur hawn irid joqgħod attent – jeħtieġ jagħti kas ta' l-udjenza tiegħu. Biex jintegra malġrajja tiegħu, jipprova jislet is-simpatija tagħha, imma ma jistax jisforza, ftit ta' l-esaġerazzjoni – imqar minnaħa ta' l-attur – u s-simpatija tisfa' sentimentalità jew melodrammatiċità, jew imqar sitwazzjoni grotteska jew farseska, skond il-każ.

L-awtur jeħtieġ li jżomm kontroll. Id-dramm huwa magħmul minn sensiela ta' *climaxes* u *anti-climaxes* emozzjonali, u anki xi ftit tal-*comic relief*, qabel ma jasal il-*climax* li jmiss, jagħmel tajjeb. Mhux biss l-udjenza tistrieħ, imma anki jseħħu kuntrasti li ma jħallux id-dramm jibqa' għaddej f'linja dritta u monotona. Xi digressjoni ħafifa, ngħidu aħna, bħad-daqqa ta' stallett lil Rodrigo hekk kif Otello jkun dieħel fil-kamra ta' Desdemona, jew l-istqarrija ta' Edgar waqt li l-udjenza tkun fuq ix-xwiek biex tieħu l-aħbar ta' Lear u Cordelia – tiswa biex tikber it-tensjoni qabel jasal kriżi.

Fit-teatru realista jew naturalista, l-illużjoni perfetta tar-realtà hija essenzjali għall-integrazzjoni ta' l-udjenza ma' dak li jkun jiġri fuq il-palk. Din l-illużjoni tinħoloq mill-awtur bil-koperazzjoni tal-*producer* u l-atturi, u l-kompliċità ta' l-udjenza. Huwa fin-natura ta' l-udjenza li tikkontribwixxi l-kompliċità tagħha. Min imur jara dramm, imur preparat biex jaċċetta bħala ħaġa vera dak li jaf li mhux, biex jissospendi l-ġudizzju u jaċċetta l-illużjoni. Wara kollox, it-teatru m'hux għajr estensjoni tal-logħob ta' meta konna tfal għal dik li hi essenza, waqt li l-forma aktarx li tahielu l-kult reliġjuż, kif tara jekk tqabbel knisja ma' teatru: altar/palk; presbiterju/ribalta; navi/sala; saċerdot u assistenti/atturi; fidili/udjenza (kor). Wisq interessanti kien l-esperiment ta' Thomas Stearns Eliot meta kiteb id-dramm u versi ***Murder in the Cathedral*** (1935), dwar il-qtil ta' l-Arċisqof ta' Cantenbury, Thomas A. Becket, fuq l-ordni tar-Re biex jinħadem fiċ-Chapter House tal-Kattidral ta' Cantenbury fl-1935.

**It-Teatru Realista u Naturalista**

Biss, dan li għidt s'issa japplika speċifikament għat-teatru realista u dak aktar estrem minnu fir-riproduzzjoni tal-ħajja kif inhi u kif tiġri, it-teatru naturalista. Dawn il-ġeneri waslu bħala reazzjoni għat-teatru romantiku, li kien introduċa Victor Hugo bid-dramm **Cromwell** (1827) b'introduzzjoni fejn ikkundanna l-klassiċiżmu. Ir-realiżmu fuq il-palk bdieh in-Norveġiż Henrik Ibsen, li wara żewġ fażijiet – waħda romantika, jiġifieri t-teatru li sab meta beda, u l-oħra poetika – kiteb l-erba' drammi realistiċi tiegħu, **Kolonni tas-Soċjetà** (1875 - 77), **Dar ta' Pupa** (1878 - 79), **Fatati** (1881) u **Għadu tal-Poplu** (1882), fejn Ibsen, li mexa fuq it-tradizzjoni ta' Shakespeare saħaq fuq l-importanza ta' l-apparenzi giddieba fil-ħajja – sakemm isseħħ u tkun aċċettat l-gidba kollox jimxi ħarir, imma jekk tinsisti li toħroġ il-verità, ir-

ikompli f'paġna 26

# il-politika internazzjonali llum

Leo Bonnici

# essay

**It-tmiem tat-tieni Gwerra Dinjija kif ukoll il-ħtif, mill-Unjoni Sovjetika, tal-Ġermanja tal-Lvant issi ġillaw għal dawn l-aħħar erbgħin sena l-istrateġija tal-politika internazzjonali. Hija politika li baqgħet l-istess sa llum; immexxija minn żewġ superpotenzi li dejjem iheddu 'l xulxin iżda qatt ma jaslu biex jiddikjaraw gwerra fuq xulxin minħabba l-qawwa mill-eħrex mehmuża mal-potenzjali nukleari li bih huma t-tnejn mogħnija. Din is-sitwazzjoni hija l-qofol tal-politika internazzjonali tal-lum; għalkemm magħrufa bħala l-Gwerra l-Bierda qed tħalli warajha theddida nukleari mill-agħar għax tista' saħansitra teqred id-dinja.**

Din it-theddida qed joħolquha ż-żewġ superpotenzi minħabba t-trattament illoġiku u unilaterali li jħaddmu fir-relazzjonijiet bilaterali. Dawn iż-żewġ superpotenzi ħafna drabi jaħsbu biss għal rashom: forsi għax jistgħu jittkessħu minħabba li waqt li l-Unjoni Sovjetika għandna warajha u taħt it-takkuna tagħha l-Ewropa tal-lvant, l-Istati Uniti megħjuna mill-Ewropa tal-punent. Forsi għalhekk dawn iż-żewġ ġganti fil-politika internazzjonali qatt ma ħasbu biex jaħdmu bil-għaqal u bil-loġika favur il-kawża nobbli tad-diżarm nukleari reċiproku; iżda dejjem ħasbu li jitħaddtu ma' xulxin minn pożizzjoni ta' saħħa ta' wieħed fuq l-ieħor.

X'qed jiġri bis-saħħa ta' dil-politika li nistgħu nqabbluha biss ma' ċirku vizzjuż? Id-dinja ma qed tirbaħ xejn. U x'inhi titlef? Miljuni ta' bnedmin, li għandhom il-jedd divin għall-għajxien deċenti, qed jitilfu ħajjithom l-aktar fl-Afrika u fl-Indja, għax anqas biss għandhom x'jieklu; waqt li fl-istess ħin is-superpotenzi qed jonfqu l-liri l-kbar biex iżidu fl-armamenti nukleari. Barra din il-ħasra kollha, u l-iskandlu soċjali li jmur magħha, dawn iż-żewġ protagonisti tax-xena dinjija, qed joħolqu periklu tal-biża' għad-detriment ta' kulħadd biex ibeżżgħu 'l xulxin. Dan il-periklu huwa mikrokożmu tat-theddida nukleari li jfakkarna fil-ġrajjiet qerrieda ta' l-1945 f'Hiroshima u Nagasaki. Dak in-nhar aktar minn tliet mitt elf ruħ tilfu ħajjithom u ħafna oħra sfaw midruba serjament.

Issa nafu li l-bomba atomika ta' dak in-nhar kellha biss qawwa splussiva ta' 12,500 tunellata TNT; illum is-superpotenzi għandhom ħażna ta' armamenti nukleari b'qawwa splussiva ta' bejn 12-il biljun u 15-il biljun TNT. Il-qerda diżastruża li ġarrbu dawn iż-żewġ bliet Ġappuniżi kif ukoll id-differenza ta' bejn l-isplużjoni ta' l-1945 meta tqisha ma' dik li tista' tiġri mill-ħażniet nukleari li jeżistu llum, jixhdu t-theddida nukleari hekk kif waslu għaliha tnejn mill-aqwa xjentisti tad-dinja: Ehrlich u Sagan.



U s-superpotenzi li ħakmu l-politika internazzjonali x'qed jagħmlu fid-dawl ta' din il-kixfa ta' l-għaġeb, daqskemm hi tal-biża', ta' Ehrlich u Sagan? Xejn ħlief studji, kungressi u stedin fieragħ li waslu biss għal-laqgħat negattivi. Il-karatteristika ta' din id-diplomazija bilaterali bejn iż-żewġ superpotenzi li seħħet f'Ġinevra dan l-aħħar kienet biss pawsa assoluta. U l-miġja ta' Reagan fil-presidenza Amerikana u l-Elezzjonijiet Ġenerali ta' Novembru li ġej ma tantx juru li ser isaffu l-ideat tal-mexxejja politiċi internazzjonali u jħollu din il-problema li tolqot lil kulħadd għar-raġuni li tista' teqred 'il kulħadd.

Din mela hija l-qofol tal-politika internazzjonali — gwerra bierda bejn iż-żewġ superpotenzi li m'hija tagħti xejn lill-umanità u lid-dinja. Anzi min-naħa l-oħra qiegħda tħalli warajha theddida li ġġib lil kulħadd fix-xejn. Huwa għalhekk li kulħadd, kull pajjiż ikun kbir jew ikun żgħir, ikun ixaqleb lejn il-komuniżmu jew lejn il-kapitaliżmu, ikun miexi fuq politika ta' newtralità jew ta' rbit ma' xi superpotenza, irid jaħseb b'moħħu u jaġixxi bir-raġuni favur il-kawża tad-diżarm nukleari reċiproku: il-kawża tal-paċi.

Aħna l-Maltin ukoll imissna nagħmlu l-parti tagħna f'dan l-isfond politiku internazzjonali u mhux noqogħdu nserrħu rasna fuq il-politika newtrali li nħaddnu għax it-tqegħid ta' 'Cruise', u 'Pershing', fi Sqallija mhux 'il bogħod. U f'każ ta' xi konfront internazzjonali, ma għandniex xi ngħidu, intiru f'daqqa ma' Comiso. Biex id-dinja timxi 'il quddiem is-superpotenzi jridu jsibu tarf dan iċ-ċirku vizzjuż li waqgħu fih, billi jwarrbu l-kilba li għandhom għad-dominanza internazzjonali u jfasslu politika aktar ħanina (li twaqqaf id-diżastru li hu l-Lebanon) u politika aktar ġusta (li taħseb mhux għat-tberbiq ta' flejjes kbar fit-tisħiħ bla bżonn ta' armi nukleari ta' flejjes imma f'li titma' 'l min hu bil-ġuħ). Jekk ma nħabirkux għall-politika internazzjonali msejsa fuq għanijiet hekk safja, allura nkunu qed nagħtu l-prova empirika lil Orwell, fis-sena tiegħu stess (1984), li l-Gwerra (it-theddida tal-qerda) hija tassew il-Paċi (l-għan ewlieni tagħna fil-ħajja).

# IL-VJAĠĠI U T-TAGĦLIM

**Fi żminijiet meta bosta edukaturi jinsistu u jisħqu fuq is-siwi tal-mezzi awdjo-viżivi fil-klassi, meta l-kompjuter u l-awtomazzjoni ħakmu kemm l-imħuħ taż-żgħażagħ kemm tal-kbar, meta l-ħin ħieles ma jfissirx aktar tlajjar iżda użu tajjeb tal-ħinijiet tal-mistrieħ, ta' min jagħti ħarsa lura lejn x'kien il-bidu ta' dan kollu.**

L-esploraturi l-kbar irħewlha biex jitkixxfu dwar ħwejjeġ ġodda. Xi drabi kienu mitluba jagħmlu dan minn Stati b'kilba għall-kolonizzazzjoni ta' artijiet oħra għat-tkabbir ta' l-imperi. L-astrologu, l-istoriku, l-etnografu, is-soċjologu, il-ġeografu, il-filosfu, il-fiżiku, l-agronomu, kellhom l-istess siwi tan-navigatur u l-baħħar. Fi tmiem il-vjaġġi nies oħra kienu jitgħallmu mir-rakkonti miktuba jew mitkellma dwar "l-egħġubijiet" li jinstabu jew li jgħixu f'artijiet imbiegħda u ġodda. Permezz ta' dawn il-ħrejjef, dawk l-aktar qalbiena u l-aktar dubbjużi kienu jitħajru li jterrqu huma wkoll sabiex jaraw b'għajnejhom. Uħud sabu xortihom bit-tpartit ta' ħwejjeġ minn arthom ma' oħrajn misjuba fl-artijiet il-ġodda.

B'hekk beda l-kummerċ bejn l-artijiet. Barra minn hekk il-kummerċjanti kienu jġibu l-merkanzija mill-artijiet imbiegħda tagħhom. Il-mezzi tat-trasport kienu għadhom primittivi. Il-kotra kienet timxi. Oħrajn kellhom iż-żiemel, jew il-qlugħ. L-ivvjaġġar kien kollu xkiel. It-tagħrif ġdid kien biss għall-ftit nies imlaħħqa.

Illum għadna naqraw fuq dawn is-sejbiet, għalkemm ftit li xejn mill-aktar inħawi imbiegħda ta' din id-dinja għadhom ma dehrux fiċ-ċinema jew fit-televiżjoni. Ġeneralment il-ġeografija, l-istorja u suġġetti marbuta magħhom illum sabu posthom fis-sillabu skolastiku. Iżda moħħ il-bniedem, minn jeddu jibqa' jistaqsi: Għaliex le? F'dawn iż-żminijiet ta' awtomazzjoni nistgħu nduru d-dinja f'erbgħin



siegħa u barra minn hekk b'ċerta kumdità. Illum wieħed jista' jgħid bla tlaqliq li d-dinja kollha qiegħda fil-qabda tagħna: vetrina unika ta' kull xorta ta' ġmiel, varjetà ta' ġnus, pajsaġġi, modi, kuntrasti, ta' drawwiet u ambjenti, ilkoll f'qabda dejjem eqreb u eħfef.

Illum it-toroq huma miftuħin. Għalhekk, għax ma għandniex nibdew u naraw b'għajnejna, immissu b'idejna, nisimgħu b'widnejna, sakemm għadna mimlijin enerġija sabiex nagħmlu dan? Għax għandna niddependu b'mod passiv fuq dak li għamlu l-oħrajn u li għadu mhux magħruf sew? Hija ħaġa għaqlija li tiv-verifika dak li titgħallem fil-klassi, b'tagħrif ġenwin. Din hi l-qalba tal-formazzjoni tal-moħħ analitiku. Din m'hix xi ħaġa ġdida iżda drawwa li qed tinstab mill-ġdid. Iż-żgħażagħ jeħtieġ jisfruttawha.

Bħal Marco Polo jew Kristofru Kolombu, ilkoll nistgħu nerħulha lejn artijiet "mhux magħrufa" kemm bi programm imħejji qabel u kemm le. Bl-istess mod kif il-kontinġenti kienu miġbura taħt il-bandiera tax-xini tagħhom u ta' pajjiżhom, hekk ukoll aħna nistgħu nkunu l-ambaxxaturi ta' l-iskola tagħna u ta' artna kull fejn nivvjaġġaw. Bl-istess mod kif huma kellhom l-esperti tagħhom fl-oqsma differenti sabiex jagħtu rendikont komprensiv fi tmiem il-vjaġġ, hekk ukoll fi grupp ta' studenti-vjaġġaturi jeżistu talenti moħbija f'kull individwu. Dawn it-talenti jistgħu jispikkaw f'ambjent ġdid.

M'hemmx għalfejn tmur 'il bogħod biex tibda. Ċertament, għalliem "navigatur" lest igħin, għax it-tmexxija hija ta' importanza kbira fi ħwejjeġ bħal dawn.

Nimxu mal-passi ta' Shakespeare, Chaucer u Dante. Inkunu xiehda ta' eruzzjoni ta' vulkan u l-ħdura ta' l-għaġeb ta' madwaru. Nistudjaw il-marki ta' l-istorja li tħallew fil-kontinent tagħna fl-oqsma kollha tat-tagħlim. Inżuru l-postijiet ta' l-esperimenti l-kbar, naraw il-makkinarju jaħdem, nistaqsu lill-iskulari li jgħixu f'dan it-tiftix. Nieħdu sehem fl-oqsma ta' interess kulturali u soċjali. Attivament, u mhux passivament. Illum nistgħu.

Wieħed ma għandux joqgħod lura. Niftakru li għandna nkunu ambaxxaturi denji ta' Malta, kif ukoll ċittadini tad-dinja.

**ADRIAN STIVALA.**




## Use It for Discounts in Malta and Gozo

## Internationally Accepted Document

## Students 12 Years and Over Eligible

## Use It for Discounts on Accommodation, Flights and Trains

## Use It for Discounts in More than 62 Countries Worldwide

## Valid from 01 September '87 until 31 December '88

## ISSUED IN MALTA ONLY BY NSTS

# INTERNATIONAL STUDENT IDENTITY CARD

**WHAT IS THE INTERNATIONAL STUDENT IDENTITY CARD?**

It is the only internationally recognised proof of your student status. It is the only accepted document that enables you to obtain discounts and benefits as you travel around the world and in Malta.

**WHAT ARE THE CARD'S BENEFITS?**

- Free entrance to all local Government Museums;
- Free entrance or 50% discount on entrance charge to various discotheques in Malta on certain days;
- Reduction on airfares from Malta to: ROME/LONDON/DUBLIN/WASHINGTON/MUNICH/PARIS/ETC (see pages 6 & 7);
- 5% to 15% discounts in various restaurants in Malta and Gozo;
- Discounts of up to 10% from local Stationers and Booksellers;
- **and more!**

**WHO IS ELIGIBLE?**

Issued to full time registered scholars and students at least 12 years old. Only issued upon official proof of full-time student status. Two passport size photos required.

LENTI

# MISTOQSIJIET LIL FRANCIS EBEJER DWAR ID-DRAMM TIEGĦU "L-IMWARRBIN"







**1** ***Dan id-Dramm huwa f'ġeneru differenti mit-tnejn l-oħra: "Il-Ħadd Fuq il-Bejt" u "L-Imnarja Żmien il-Qtil". Int sewwasew kif tikklassifikah u tfissru ġenerikament?***

Dan id-Dramm inqisu bħala l-ewwel ħjiel ċar li jien tajt li kont bdejt nitbiegħed xi ftit minn xi drammi ta' qabel, li fihom kont ġbart temi u sitwazzjonijiet universali, bħalma huma **Vaganzi tas-Sajf** (1962), **Boulevard** (1964) u **Menz** (1967), u magħdudin magħhom, bosta mir-radjudrammi li kont ktibt fis-Snin Ħamsin – u nersaq aktar lejn dawk id-drammi li ġew immedjatament warajh u li jitkellmu speċifikament fuq il-Maltin u s-soċjetà tagħhom. Eżempji ta' dawn huma: **Il-Ħadd fuq il-Bejt; L-Imnarja Żmien il-Qtil; Meta Morna tal-Mellieħa; Karnival; Morru Sejħu lill-Werrieta; X'Ma Kixifx il-Ħajt; Id-Dar tas-Soru** (teleserial); **Persuna Qiegħda Tiġi Investigata Dwar... u Filfla Minn Wara Ħajt.**

Iżda nkun qiegħed nagħmel ħażin jekk naqta' linja dritta wisq bejn dawn iż-żewġ kategoriji, speċjalment f'sens kronoloġiku. Ir-raġuni hi li stil, klassi u tematika ta' darba jistgħu jerġgħu jitfaċċaw intuwittivament wara xi snin, jew drammi, oħra kif tassew ġara fil-każ tiegħi.

It-tematika ta' **L-Imwarrbin** nista' ngħid li użajtha għall-ewwel darba fir-radjudrammi **Is-Sejħa ta' Sarid** (1950), **Bwani** (1951) u **Sefora** (1953). U din hi t-teorija u l-prattika, u t-tiġrib, ta' kif, u meta, l-imgħoddi jibqa' jinfluwenza l-preżent, u dan, flimkien mas-sens ta' ħtija u l-ħtieġa stess, li dan joħloq għall-istqarrija u t-tpattija, jew ħlas, kemm fuq livell eżistenzjalista pagan u dak nisrani. F'bosta każijiet, dan it-tlaqqigħ ta' elementi pagani u dawk kristjani jirrifletti fedelment kif aħna bħala poplu tal-Mediterran, dan il-baħar antik, polistoriku, il-font tal-magħmudija ta' bosta reliġjonijiet.

F'**Is-Sejħa ta' Sarid**, għalkemm il-katarsi tiegħu xejra determinista u pagana, xorta tagħti ħjiel ta' kważi kull reliġjon oħra li nfexxet fil-pajjiżi qrib orjentali. F'sens purament nisrani, l-għarqa ta' Tessa u Fernand għandha tiegħu tifsira aktar simbolika u traxxendenti.

Iżda waqt li lill-karattri ta' l-**Imwarrbin** ħallejthom bla mfixkla fir-relevanza universali tagħhom, tajt x'nifhem ukoll li setgħu kienu Maltin. L-ewwelnett, għax jien kittieb Malti li qiegħed igħix qalb Maltin bħalu bl-impressjonijiet kollha li jistgħu jiġuh f'kuntatt bħal dan; it-tieni, għax waqt li kont qiegħed nikteb, ma stajtx ma nqabbilx, konxjament jew le, il-karattri ma' nies jew tipi Maltin; it-tielet, għax il-lukanda fejn qegħdin, maqtugħa għaliha, tista' tiġi mqabbla faċilment ma' ġżira/Malta; u fl-aħħarnett, għax kollox ma' kollox, soċjetà bil-kultura tagħha hi kif inhi sforz dak li jseħħ fil-psike kollettiv tagħha: u fil-psike, jew ir-ruħ, ta' dawn in-nies hemm bosta ħwejjeġ li jqarrbuna lejn id-definizzjoni tal-psike Malti.

Barra minn hekk, ta' min jinnota li dan id-dramm kont ktibtu oriġinarjament bl-Ingliż, taħt l-isem ta' **The Cliffhangers**, kien intwera fuq il-palk għall-ewwel darba fit-Teatru Manoel fl-1968. Hawn irrid infisser li l-klima soċjo-politika Maltija ta' dak iż-żmien kienet kważi l-istess waħda li setgħet nebbħitni biex nikteb **Il-Ħadd Fuq il-Bejt** u l-oħrajn; u għalhekk, l-idea ta' Malta sovrana, iżda li għadha bil-fakra tagħha ta' konnessjonijiet ma' barra friska mhux ħażin, żgur li ma kenitx 'il bogħod wisq minn moħħi.

Biss fil-każ ta' dan id-dramm, il-kumment nazzjonali, għalkemm qiegħed hemm kif feħsiebni nfisser aktar 'il quddiem, żammejtu x'aktarx lura, u kkonċentrajt l-iktar fuq il-qagħdiet psikiċi, psikoloġiċi u morali ta' nies f'soċjetà maħluqa għax jinsabu maqbudin fix-xibka tal-passat; passat li baqa' jħuf għal warajhom mit-trufijiet nett tal-widien fondi ta' madwar il-lukanda (**ceteris paribus**, il-Mediterran), u li qishom jaqtgħu jieshom li xi darba huma sejrin joħorġu minnha dik ix-xibka li fil-parti l-kbira kienu nisġu huma stess... Ukoll ma rridux ninsew li l-Istorja tal-letteratura tirrappreżenta t-tensjoni ma taqta' xejn bejn, fuq naħa, id-dejjiemi u l-universali, u fuq l-oħra, dak li huwa żmien u spazju, jew post, speċifiku.

Hawn ta' min ixebbaħ il-qagħda ta' l-imwarrbin ma' dik tal-karattri ta' l-ewwel dramm tiegħi għall-palk **Vaganzi tas-Sajf** – (1962). Id-

differenza hi li waqt li l-imwarrbin qegħdin "jistaħbew" mill-verità fuq quċċata ta' għolja, dawk ta' **Vaganzi tas-Sajf** jinsabu f'ħofra fl-art – il-kripta ta' monasteru mġarraf. Ukoll waqt li f'**Vaganzi tas-Sajf**, l-għadu huwa u jibqa' tista' tgħid il-ħin kollu barra, bla isem u bla wiċċ, "l-għadu" ta' l-imwarrbin - il-passat innifsu u Andre u Casta fuq l-ewwel livell; Walter fuq it-tieni - mhux biss għandu isem u wiċċ, iżda jidher minn kmieni wkoll. Fil-każ ta' l-aħwa Andre u Casta, dawn l-ewwel jidhru bħala mistednin misterjużi; imbagħad bħala midħla ta' l-oħrajn; imbagħad bħala rappreżentanti tal-passat; u fl-aħħar, bħala anġli tal-vendetta, tal-ħlas, tat-tpattija - kif ukoll, ironikament, u kif jinkixef fl-aħħar, bħala strumenti, jew aġenti tal-fidwa.

It-twelid il-ġdid, u mqalleb, ta' l-imwarrbin ikun beda.

**2** *Il-Filosfu Santayana kiteb hekk: "Kull min jinsa l-passat, huwa kkundannat li jerġa' jgħixu". Nistgħu napplikaw dan il-kliem għad-dramm tiegħek?*

Dawn l-imwarrbin jidhrilhom li dak kollu li huma għamlu f'ħajjithom u li mhux ta' min joqgħod jiftakar wisq fih, issa mar u għadda – u ntesa: hekk hi t-tama ħerqana, u żbaljata, tagħhom. Jidhrilhom li l-età misjura tagħhom għandha tagħtihom il-privileġġ li jinħallu minn kull responsabbiltà li kienu ħarbu minnha fl-imgħoddi, jew agħar, ittradew bl-aktar mod vili. *"Intom ix-xjuħ, għax xjaħtu, mhux għax ridtu intom – ifhimha sew din – imma għax kellkom tabilfors tixjieħu... intom tippretendu li ġejtu meħlusin u maħfurin mir-responsabbiltajiet li ġemmajtu fil-passat. Neħħiha minn moħħok li l-età għandha tħassar kollox. Età xejn."* (Andre)

Ma jafux, jew ma jridux jammettu magħhom infushom, li, hekk, kif inhuma issa, huma l-prodott mhux biss ta' dawk l-affarijiet kollha li wettqu f'ħajjithom, iżda wkoll ta' dawk li messhom għamlu u m'għamluhx, jew għamlu ħażin għax hekk riedu. Aħna kif aħna skond dak li għamilna f'ħajjitna. Tħares lejna u tiflina sew 'il ġewwa mill-ġilda ta' barra u tara l-imgħoddi tagħna, saff fuq l-ieħor, *patterns* ta' kromożoni u *genes* ereditarji f'taħlita sħiħa ma' influwenzi kulturali u ambjentali. U jekk il-letteratura hija l-aqwa rispons jew tqanqila umana għal kull ma jiġri fil-ħajja kemm fid-deher tagħha u le, kellu raġun Brecht igħid hekk dwar x'wieħed għandu jistenna mit-teatru: *"We should not just be satisfied with seeing Prometheus breaking his chains; but with all those mysterious feelings, aspirations, dreams, etc., that were inside him, driving him to break those chains".* U jerġa' Brecht fl-1952:*"We are not being intelligent enough when we expect nothing else from the theatre but faithful representations of images from reality."*

L-imwarrbin tad-dramm ma jindunawx, jew aktarx ma jridux ikunu jafu, li qegħdin iqarrqu bihom infushom meta ma jaċċettawx l-imgħoddi tagħhom bil-kontradizzjonijiet kollha tiegħu. Sfortunatament, sehem sew mill-intelliġenza tiegħu l-bniedem jużah fl-interess ta' l-injuranza u ta' l-illużjoni, kull darba li jkun irid iqarraq bih innifsu: jistħajlu qiegħed f'xi ġenna ta' l-art, meta fil-fatt ikun fil-*mal paso del infierno.*

Ma jridux jammettu li l-ħajja tagħhom t'issa, f'lukanda komda ta' Rafela hi għal kollox eżistenza fittizja: ma teżistix fil-veru sens tal-kelma; illużjoni mill-bidu sa l-aħħar; gidba; tradiment ta' kulma fadlilhom minn ġiehhom. Qegħdin igħixu f'bużżieqa, li xi darba għad trid tinfaqa' – kif tassew jiġri mal-miġja ta' Andre u Casta. L-imgħoddi biss huwa onestament reali: u l-issa ma jfisser xejn jekk qabel ma niflux u nikkooperaw ma' l-imgħoddi.

Madankollu ma jonqsux li jħossu l-bżonn li jpattu b'mod jew ieħor għad-dnubiet mistura tagħhom. Kemm bħala bnedmin u kemm bħala nsara jafu li m'għandhomx jistennew li jagħmlu dak li għamlu mingħajr ma jkollhom ipattu għalih biex xi darba jerġgħu jiġġeddu; jew mill-inqas għall-għan purament fiżjoloġiku li jinħelsu mit-toqol tiegħu.

Dan l-eżerċizzju l-imwarrbin jippruvaw jagħmluh - billi joqogħdu jgħattu x-xemx bl-għarbiel! Il-kastigi, jew l-inkonvenjenzi, li joħolqu għalihom infushom m'huma xejn ħlief "penitenzi" żgħar u banali: ir-riħ u t-tieqa tħabbat bil-lejl, il-bajda m'hix misjura sew, il-friefet il-lejl, il-logħob bit-telefon, żiffa kiesħa, telf fil-logħob tal-karti, tkissir ta' tazez u platti, tifkiriet ta' mħabbiet mitlufa, eċċ. Mingħalihom dawn tpattijiet jew penitenzi biżżejjed biex lill-kuxjenza jżommulha s-sarima f'postha – li ma tmurx toħorġilhom tgħajjat bil-krib tal-vittmi tagħhom ta' l-imgħoddi!

Il-kuxjenza ta' Jean qisha ma jonqosha xejn biex tittaffa għal kollox ħlief li toqgħod tħares 'l isfel għal ġol-wied u tara l-irħama fejn hi midfuna omm Casta u Andre tgħib ta' kuljum taħt il-ħamrija u l-ħaxix selvaġġ. Bħallikieku meta ma tibqax tidher, id-delitt tagħha jkun qisu qatt ma sar!

**L-imwarrbin: ħtija u persekuzzjoni**





Għal Rafela, l-ispejjeż tat-tifrik tagħha fil-kċina (tgħid għax jirtogħdu daqshekk idejha?) huma ħlas, jew penitenza, biżżejjed għaliha biex ma toqgħodx tħares lura wisq lejn il-passat. Taħt forma oħra ta' spostazzjoni ta' dmir u emozzjoni, tinxteħet b'ruħha u b'ġisimha fit-tfissid u l-ikel tajjeb għall-mistednin tagħha. B'hekk taħseb li qiegħda tpatti għal dik l-imħabba, għall-ħarsien u għall-ikel li jmissha tat lill-ulied li hi qatt ma kellha għax qatt ma riditħom.

Is-suspetti velenużi fuq Jean li qegħdin jifnu lil Walter minn ġewwa, Walter jipprova jgħattihom b'ħafna kumplimenti lill-mistednin -diffiċli tgħid kemm hu sinċier - u billi joqgħod iwassal lil Jean it-tislijiet t'ommu.

Kollha qegħdin igħixu gidba. Liża biss qisha m'għandhiex passat x'taħbi, jew x'terġa' tgħix. Il-wasla ta' Andre u Casta fosthom tiġiha f'waqtha, qabel ma jkun bdielha sew iż-żmien tal-ħtija u tal-ħabi. Kienet fil-periklu, imma issa, permezz ta' dak li jwettqu ż-żewġt aħwa żgħażagħ, u jekk ma taqax fl-iżbalji ta' l-oħrajn, tista' tibqa' tgawdi "il-ferħ tal-pożittività".

Iktar ma' l-imwarrbin "iwarrbu" rwieħhom 'il bogħod mill-verità, iktar se tiġihom ħażina. Fid-dramm **Vaganzi tas-Sajf**, Hakob iwiddeb hekk: *"...il-verità nintebhu biha jew meta jkun tard wisq, jew inkella meta tkun tista' tisfa' ta' ħsara kbira kemm għalina kif ukoll għall-oħrajn."...*

Mill-banda l-oħra, Andre u Casta mhux biss ma nsewhx il-passat, iżda baqgħu jgħixu fih. Estrem ieħor. Żball: għax l-ideali huwa li tgħix kemm tiflaħ fil-preżent mingħajr ma tinsa r-responsabbiltajiet tal-passat. Huma qegħdin igħixu l-passat fil-preżent, iżda mhux il-preżent innifsu - għallinqas sakemm Liża tibda tiġbidhom lejha, l-iktar lil Andre, bil-kliem u bil-preżenza relattivament safja tagħha.

Għall-integrità u l-integralità ta' dak li jkun jinħtieġ li jkun hemm bin-ja soda msawra bir-responsabbiltajiet t'issa u ta' l-imgħoddi. T'issa biss m'hux biżżejjed; lanqas tal-passat waħdu. Skond kif wieħed jifhem il-passat u kif juża l-passat u l-preżent, il-futur għandu jagħtih dak li jistħoqqlu.

Meta l-imwarrbin isibu rwieħhom ħabta u sabta mġegħlin biex jerġgħu jgħixu l-passat tagħhom, dan ikollhom jagħmluh b'aktar tbatija u turment milli kieku ħallew is-sogħba tmisshom wisq qabel. Kieku għamlu hekk, ma kien ikun hemm bżonn l-ebda anġlu tat-tpattija, għax ikunu waslu għall-fidwa huma stess, minn jeddhom u bid-dehen tagħhom ta' nies responsabbli.

Il-proċess - ħtija... tpattija... sogħba... fidwa - kien jibqa' sħiħ u mingħajr il-ħtieġa t'ebda indħil aħrax jew vjolenti.

## 3 *F'dan id-dramm donnu jidħol b'saħħa straordinarja s-sens ta' ħtija, il-"guilt complex". Mnejn huwa mnissel sewwasew dan il-kumpless?*

Jekk dan huwa dramm ta' ħtija u ta' tindif mill-ħtija, dawn iż-żewġ elementi ma jikkomplementawx lil xulxin bl-istess intensità, u lanqas ma jħallu l-istess riżultat, fost l-imwarrbin.

Iżda għaddejja xejra komuni qalb dawn in-nies, u din għandha x'taqsam ma' l-istat klassiku ta' *hubris* li darba jew oħra jnissel in-*nemesis,* jew it-tpattija mistħoqqa għan-nuqqasijiet mhux mistqarra jekk kultant mhux ukoll it-tiġrif totali.

Il-*hubris*, jew is-suppervja esaġerata li tagħmel bihom dawn in-nies, tidher l-iktar fil-mod ta' kif iħarsu lejhom infushom bħala rġiel u nisa mhux biss bla ħtija, iżda wkoll 'il fuq minnha. U għax ilu kienu qatgħuha li "m'humiex ħatja", kull ħaġa li tmur kontra dan l-awto-verdett jikkunsidrawha b'qilla u b'intensità bħala għal kollox 'il barra minnhom, ma tgħoddx, m'għandhiex titqies, u li tkebbsilhom is-suspetti serji fuq kull min ikun.

Għalihom l-imgħoddi qisu qatt ma seħħ: huma bnedmin ta' integrità u t'onestà li jistħoqqilhom kull dritt għall-ġieh u għall-ħajja ħiemda u hienja!

Iżda minn ħafna qabel ma Andre u Casta jikxfuhom talli huma, aħna nkunu ġa bdejna nintebhu x'isarrfu tassew. Igorru u jilmentaw wisq fuq l-aqwa armi kontra l-verità - it-trivjalità, il-medjokrità, il-banalità. Sabiex iċekknu jew ixejnu l-verità ta'

ħtijiethom, jippruvaw jirriduċuha għall-aktar livell assurd.

Hawn min igħid li s-sens ta' ħtija, minn ħafna qabel ma tawha tifsira xjentifika Freud u Jung, kien bħalma għadu wieħed mill-aqwa prodotti tal-Kristjaneżmu. Din naraha tifsira teknika wisq ta' element li tfaċċa fid-dinja mal-bniedem stess. Li għamel il-Kristjaneżmu kien li ħareġ fil-beraħ, bl-għan ta' tindif u tiġdid, sensazzjoni mwiegħra, jew inkubu, li kien ilu magħġun fil-bniedem minn meta Kajjin qatel lil Abel, biex ma mmorrux aktar lura.

Hawn ukoll teorija li l-pagani ma kellhomx sens ta' ħtija. Ħaġa li diffiċli temminha. Dan is-sens żgur li kien fihom ukoll, iżda kienu għadhom ma jafux x'inhu sew, jew x'għandhom jagħmlu biex jissublimawh jew jittraxxenduh, bħalma wara beda jgħallem il-Kristjaneżmu. Għalhekk, kważi paradossalment, b'aktar progress u ċiviltà seddqu l-firda lejn il-valuri sekulari u dawk spiritwali; u aktar beda ħiereġ is-sens ta' ħtija, u *vice-versa*, minħabba s-sens ta' ħtija marbut mal-wegħda u t-twettiq tal-fidwa stagħnet iżjed iċ-ċiviltà.

Meta l-imwarrbin jaqbdu jixhdu li huma nies ta' bla ħtija, ikunu qegħdin jiċħdu n-naħa ċivilizzata tagħhom; qegħdin jarmu lilhom in-fushom lura lejn dawk ir-reliġjonijiet ta' pompa ġerarkika u sagrifiċċji biss mingħajr ma dawn l-affarijiet imiss-suhom fil-veru ġewwieni tagħhom. Ikunu qegħdin iċekknu lilhom in-fushom f'dak l-istess waqt li qegħdin jagħtuna x'nifhmu li bħalhom m'hawnx, meta huma stess jafu f'liema abbissi kienu tefgħu lil nies oħra. Il-ħtija tagħhom titkattar meta ma jammettux, u l-agħar huwa meta dak li għamlu għamluh fl-isem qaddis ta' l-imħabba.

Qoxrithom ta' barra ssir aktar qoxra li tostor il-mard psikiku. Jibdew ma jintgħarfux minn *zombies*. Dik il-ħtija li qiegħda tħabbat ġo fihom sabiex toħroġ għad-dawl fejjiedi tax-xemx — għax din ukoll hija l-funzjoni aħħarija, orgażmika, ta' kull ħtija: li tifdi ruħha - tkompli tik-korrompihom minn ġewwa, timliehom b'aktar u aktar materja moqżieża li xi darba, bħall-materja ta' xi musmar, għad trid tinfaqa'. U aktar ma din iddum ma sseħħ, aktar se toħroġ tinten — kif tabilħaqq jiġri mal-kontro-eżami li jagħmlulhom Andre u Casta.

● jissokta f'ħarġa oħra

# TIFSIR MINN LINJI ĠODDA

## IL-ĦAJJA: Bidu u Tmiem

**It-twelid u l-mewt huma t-truf ta' l-eżistenza u għaldaqstant, ma jistax jonqos illi jossessjonaw lill-poeti. Peter Serracino Inglott jinnota illi, fil-fatt, hija l-mewt li l-aktar li tossessjona lill-poeti moderni, l-istess kif il-mewt kienet tossessjona lill-poeti tas-Seklu Sbatax, magħrufin bħala "il-metafiżiċi" (fosthom John Webster, u John Donne).**

Ir-reazzjoni tal-poeta modern lejn il-mewt tbiddlet għax it-tifsira tal-Jien tbiddlet ukoll. Il-poeta ta' llum huwa marbut b'mod aktar intelliġenti ma' dak li huwa temporali (jiġifieri ta' din id-dinja) u għalhekk isibha diffiċli biex jaċċetta l-ħsieb ta' l-eternità. Il-poeta modern huwa aktarx loġiku, filwaqt li l-mewt iqisha bħala xi ħaġa vera iżda illoġika. Minn hawnhekk ġej it-ton eżistenzjalista u assurd f'ħafna mill-poeżija moderna.

Fil-poeti ta' żmienna, il-konfront mal-mewt huwa wieħed intensiv: saħansitra, poeta bħal Akille Mizzi jaffronta lill-mewt b'senswalità kważi-erotika.

**Il-Poeżiji**

31 (Dun) Lawrenz Cachia kiteb għanja trijonfanti ta' qassis nisrani dwar it-twelid ta' tarbija fi ħdan il-knisja. Il-fidi reliġjuża hija inkarnata sewwa fin-natura, kif jidher mill-bidu u t-tmiem tal-poeżija. Matul il-poeżija jinħolqu żewġ effetti ewlenin: (a) ritratt ta' familja madwar tarbija tat-twelid u (b) sentiment ta' importanza "kożmika" minħabba li l-ħolqien ta' tarbija huwa meqjus bħala att divin. Ta' min jinnota l-lessiku kożmiku fitt li bih tagħlaq il-poeżija: **dawl, xemx, priżma, farka, kewkba, sema wiesa'**.

32 Marianne Moore kitbet hekk: *"Poetry is not a thing of tunes but of heightened consciousness."* F'din il-poeżija jinħass sens qawwi ta' ansjetà dwar tarbija tat-twelid, iben il-poeta. Il-kompożizzjoni tiftaħ b'ritornell li jiddisturbak u li jagħmel ironija mit-ton tat-taħnina (ninna-nanna) tradizzjonali. L-argument ċentrali jinteressa l-biża' li jħoss il-poeta minħabba t-toqol tal-piż tal-paternità. Serracino Inglott isejjaħ din il-poeżija "l-għanja lil ibnu ta' missier li qara 'l Freud". Hemm ħafna kurrenti psikoloġiċi għaddejjin il-ħin kollu, u l-poeta jwissi lil ibnu tarbija li f'din il-ħajja, wara kollox; kulħadd irid jaqta' bi snienu.

Fl-aħħar tliet versi, il-poeta saħansitra jħoss li ibnu għad jikkundannah talli ġiebu fid-dinja. Il-versi twal u mifruxin mal-faċċata kollha jagħtu dehra ta' xi kuritur fil-moħħ, imtaqqal bi ħsibijiet aġitati ħafna; il-biża' tal-poeta huwa rifless b'dan ir-reġistru: **giljottina, ħobla, twegħir, kundanna tikwi, nindiehex** u **is-sentenza**, fost l-oħrajn. Importanti r-ritornell u l-aħħar tliet versi.

33 L-ambigwità hija karatteristika ta' ħafna mill-poeżija moderna. F'din il-poeżija, il-viżjoni hija dgħajfa; m'hemmx ċarezza fil-perċezzjoni ("perception"). Il-"karba" li jisma' l-poeta hija mimlija misteru u ambigwità.

L-intenzjoni: il-poeta jrid jinvolvi lill-qarrej f'ambjent ta' waħx permezz ta' eki strambi u sensiela ta' mistoqsijiet mingħajr tweġiba.

**jissokta f'paġna 12**



**Il-mewt: it-ton dwarha sar eżistenzjalista jew assurd**

**34** Il-poeżija tibda b'riferenza għall-evoluzzjoni tal-bniedem: skond it-teorija ta' l-**evoluzzjoni,** il-ġenesi tal-ħolqien kollu (inkluż il-bniedem) seħħet fl-ilma. Għalhekk, "il-bniedem ħuta". L-ilma huwa wkoll l-element importanti li jipproteġi lit-tarbija fil-ġuf (f'din il-poeżija, it-tarbija, bil-kurdun umbiliku, hija mqabbla ma' **astronawta** fid-"dlam mutu".)

Innotaw il-lessiku "likwidu" f'din il-kompożizzjoni: **titgħawwem, ħuta, ilmijiet, ibħra.**

Il-qofol tal-poeżija: il-ġisem m'hu xejn ħdejn il-moħħ. Il-moħħ huwa l-fanal ta' l-intelliġenza tal-bniedem. Matul iż-żminijiet, l-intelliġenza tal-bniedem żviluppat "minn qoxra għal ġo qoxra f'sensiela bla tmiem" sakemm wasalna għall-**għarfien,** għas- **supremazija** relattiva tal-bniedem.

**35** L-abort f'din il-poeżija huwa wieħed fiżiku, iżda kien hemm kritiċi li osservaw illi fil-kuntest tal-poeżija, **l-abort** jista' jkun ukoll riferenza għal dawk il-persuni b'talent li ma jagħtux is-sehem tagħhom biex is-soċjetà tiżviluppa f'sens kreattiv. U fejn m'hemmx kreattività hemm il-mewt prematura, hemm l-abort tat-talent.

It-ton tal-Poeżija huwa wieħed ritwalistiku u l-poeta qed jitlob għall-purifikazzjoni. Din il-poeżija kienet iċċensurata waqt rappreżentazzjoni pubblika li kienet saret fit-Teatru Manoel f'Diċembru, 1968. Iċ-ċensuri kienu mmiżinterpretawha għal kollox.

**36** Il-qofol ta' l-argument f'din il-poeżija huwa dan: il-mewt ta' persuni oħra ma tolqotx lilhom biss, iżda tħalli konsegwenza fuq ħaddieħor fuqna lkoll. F'dan is-sens, il-mewt issir weġgħa komuni għall-umanità kollha. Fil-konfront tal-mewt, il-bnedmin isibu f'xulxin sens ta' **solidarjetà sollenni. Hu għalhekk li** l-poeta jirrepeti kontinwament "mara tibkix".

Fl-aħħar strofa l-poeta jimtela b'sens ta' biża', iżda wkoll b'għadab u sofferenza f'isem l-umanità.

**Iż-żiemel** li jissemma matul il-poeżija huwa simbolu senswali, rappreżentattiv tal-ħolm u x-xewqat tal-bniedem, inkluża x-xewqa tremenda **għall-immortalità.**

**37** Il-bniedem modern, minħabba l-intelliġenza superjuri tiegħu, jiġi wiċċ imb'wiċċ ma' l-idea tax-"Xejn", jew tal-"Vojt". Din hija l-idea tal-ħajja bħala xi ħaġa assurda qarrieqa, vojta. Mela, qabel l-esperjenza tal-mewt, il-bniedem modern ikun għadda, ħafna drabi, mill-idea tax-"xejn", tal-"vojt". Il-poeta donnu li qiegħed jistaqsi hekk: tgħid, permezz ta' l-imħabba, imqar dik karnali, il-bniedem jista' jikkonfronta l-mewt b'aktar kuraġġ, b'aktar saħħa? Il-poeżija tibqa' mingħajr tweġiba.

**38** Din hija poeżija funerarja. Il-kritiku Serracino Inglott iqabbilha max-xogħlijiet ta' Wallace Stevens, poeta li kien ossessjonat bl-idea li anki fit-tbatija, hemm elementi ta' seħer u ta' sbuħija. Hekk, din il-poeżija hija xogħol dwar **l-estetika tan-niket** (estetika = filosofija dwar elementi sbieħ fl-arti). Il-mewt ta' missieru u ta' wliedu trabi tnissel fil-**poeta sens ta' "uġigħ" li għandu** kwalità mużikali. L-esperjenzi ta' dawn l-imwiet mill-qrib, il-poeta jqabbilhom man-noti tal-vjolini. Dawn l-esperjenzi servew biex jitkattar il-pjaċir (estetiku) tan-niket, pjaċir li ġej mill-onestà li taċċetta l-mewt bħala realtà. Lejn it-tmiem, il-poeta **jintebaħ** biex jifhem il-mewt, jeħtieġ li jifhem ukoll in-niket li din l-esperjenza ġġib f'ħaddieħor.

**Il-poeta jħares lejn il-ħajja b'nuċċali ġdid**



**39** Din tista' tidher bħala poeżija "tradizzjonali", iżda matulha hemm tiġri l-ironija. Il-poeta joħloq logħob kappriċċuż bir-rimi u bl-assonanzi biex joħloq kuntrast kattiv bejn il-fwieħa ta' Mejju u l-kesħa tal-mewt. Il-vokabularju innoċenti, kważi infantili, jitqal bl-għajta ta' l-uġigħ.

**40** Din hija l-għanja lill-mewt u l-poeta jikkomponi b'ħafna xbihat qawwija u konkreti. Il-mewt hawnhekk tinħass bħala esperjenza senswali. Bis-saħħa ta' immaġni deħlin waħda fl-oħra, Mizzi jiċċelebra l-mewt daqslikieku kienet għarusa li qed tisseduċi lill-bniedem. Innotaw ukoll illi l-poeta jġiegħel lis-sensi kollha jqumu għall-idea tal-mewt, u dan bl-użu ta' xbihat realistiċi jew surrealisti. L-aħħar żewġ versi tal-poeżija jibdew bil-kelma **titwieled:** dan jimplika li l-poeta jemmen illi, wara kollox, il-misteru tal-mewt jinkorpora xi forma oħra ta' vjaġġ (**ħarba**), xi forma oħra ta' kuxjenza, xi forma oħra ta' ħajja.

**MARIO AZZOPARDI**

## L-ASPETT PSIKOLOĠIKU FIL-KITBA TA'

# Ġ. ELLUL MERCER



**Minn dak li stqarr Ġużè Ellul Mercer (1897-1961) erbatax-il sena wara li kien kiteb ir-rumanz waħdieni tiegħu *Leli ta' Ħaż-Żgħir*, jidher li l-iskop psikoloġiku kien f'moħħu sa mill-bidu: "(Autobiografia). In parte analizza psichiatricamente la vita d'un neurotico" (Awtobijografija). Minn banda janalizza psikjatrikament il-ħajja ta' wieħed newrotiku[1]. B'hekk dan jikkuntrasta mal-livell storiku jew romantiku jew soċjali fir-rumanzi epiċi ta' qablu, ta' żmienu u ta' warajh.**

Ir-rumanz psikoloġiku jistħarreġ protagonista introspettiv li jaħseb u li jħoss wisq u diffiċli biex isib jew jaċċetta xi *modus vivendi* fis-soċjetà konvenzjonali ta' madwaru. Il-qofol tar-rumanz **Leli ta' Ħaż-Żgħir** jagħmel ma' din il-għamla ta' kitba narrattiva. Anzi, wieħed ikollu jistqarr li fir-rumanzi l-kbar tas-seklu dsatax insibu rakkont tal-ħajja tal-protagonista fejn qed jitħassru l-valuri awtentiċi tal-ħajja ta' madwaru, għalkemm hu xorta waħdu jibqa' jfittixhom indirettament. Ix-xogħol ta' Ellul Mercer joqgħod ma' din id-definizzjoni u, bħal fil-każ tar-rumanzi l-kbar tas-seklu l-ieħor, insibu rabta strutturali bejn il-bijografija tal-protagonista fittizju, bħal Leli, u ta' l-ambjent soċjali tad-dinja li qed "igħammar" fih. Fost uħud mill-kurrenti differenti tar-rumanz psikoloġiku nsemmu lil Franz Kafka (1883-1924), James Joyce (1882-1941), Marcel Proust (1871-1922) u Virginia Woolf (1882-1941).

Leli huwa persunaġġ b'firda fih innifsu. Bħall-ambjent ta' madwaru għandu t-taħsir u xi ftit mill-konvenzjonijiet ta' l-oħrajn. Għalhekk, iħobb imur għall-kaċċa[2] ma' Ġużè Snien u Ġanni ta' Kejla (paġ. 22-25, 133, 204-205); fil-prattika ma jagħmel xejn quddiem id-dnub soċjali kbir ta' l-Aħwa Buċagħak u kien jasal biss biex mirrokna tiegħu fejn seta' jara u jisma ' kollox, igħaddi "is-sigħat ihewden waħdu u jistaqsi lilu nnifsu għaliex id-dinja daqshekk hi għamja u tħalli nies bħal dawn (bħall-Aħwa Buċagħak) jagħmlu li jridu, jisirqu demm il-fqir u jaslu saħanasitra biex imarrduh u joqtluh" (paġ. 117). Is-soluzzjoni radikali għall-problema tal-kuntrabandu jistqarrha biss miegħu nnifsu f'qalbu: "Li kelli nagħmel minnhom jien, kont innezzagħhom egħriewen u nqallagħhom xebgħa nerv f'nofs misraħ... Mhux sewwa!" *(ibid.)*

L-awtur stess jikkundannah fuq hekk: "... Bit-thewdin kollu ta' Leli, l-Aħwa Buċagħak issuktaw jisirqu u jkattru ġidhom". Wara l-argument li kellu fuq il-kuntrabandu mas-Sur Manwel (paġ. 151-153), Leli għażel li "ma jweġbux". Anzi kien se jkollu jisma' mill-imgħallem tiegħu biex flimkien ma' Dwardu Buqerq imur ikellem lil surġent li kien irrapportahom ħalli jxaħħmuh, għax kif igħidlu s-Sur Manwel, "Ma nafx kif inġibuha żewġ jekk iressaqkom quddiem min għandu jressaqkom. U għidulu li jekk jaqdina ma nħalluhx b'xejn." Il-korruzzjoni ta' l-ambjent tirkbu u mhux kapaċi jqum kontrieha.

Hawn tidher ċara d-differenza bejn ir-rumanzi epiċi ta' żmien **Leli ta' Ħaż-Żgħir** bħal **Taħt Tliet Saltniet** (1938) u r-rumanzi ta' Ġużè Galea fosthom **San Ġwann** (1938) u **Leli ta' Ħaż-Żgħir** stess: ir-rumanzi epiċi riedu joħolqu l-karattri protagonisti li jiġġieldu għall-ideali tagħhom u jwettquhom fil-proċess konxju għall-bini tal-mentalità Maltija. Dan seħħ bis-saħħa tad-dettalji storiċi, bl-għadd kbir tal-karattri, b'konċentrazzjoni qawwija fuq is-siwi u s-setgħa espressiva tal-lingwa u b'ambjentazzjoni lokali b'enfasi qawwija fuq il-folklor u r-reliġjon. Ellul Mercer iħares lejn it-taħsir ta' dawn l-ideali bis-saħħa ta' Leli. Il-protagonista għandu l-ideali tiegħu li jqegħduh kontra dinjitu. Irid ifittex bis-serjetà l-valuri miċħuda mis-soċjetà u ħajtu ssir ġlieda kontinwa kontriehom. F'għajnejhom jidher bħala bniedem m'aħniex, kif jiġrilu fuq il-post tax-xogħol (paġ. 182-183) u fil-każin (paġ. 184).

Leli m'huwiex eroj. Lanqas altruwista. Huwa karattru li aktar ma jimxi 'l quddiem ir-rumanz aktar jiżviluppa bħala bniedem stramb u introvert. Hawn tidħol il-ġlieda tiegħu mar-raħal, ismu miegħu, Ħaż-Żgħir, il-mikrokożmu, id-dinja ċkejkna u fittizja li joħloq ir-rumanzier bħala x-xbieha tad-dinja akbar, Malta, il-makrokożmu, "ir-raħal" akbar, fl-egħluq fiżiku u mentali tiegħu. Hemm ġlieda bejn l-ego tar-raħal u s-superego ta' Leli kkultivat fih mill-qari wiesa' ta' awturi kbar magħrufa bħal Platone (paġ. 71), Voltaire u Anatole France (paġ. 154-155) u Theodore Dostoievski (paġ. 160-161). Hija ġlieda li ma tieqaf qatt fir-rumanz u fiha l-protagonista jipprova jagħraf u jsib lilu nnifsu. Filwaqt li r-raħal jibqa' wieqaf għax kuntent fl-injuranza tiegħu, Leli dejjem jinsisti li jaqra u jitgħallem biex jifhem hu min hu. Il-qari jżidlu fl-insigurtà u fl-inċertezza u fid-dubji. Jagħraf li ma jistax isib postu mas-serenità falza ta' l-oħrajn u jwarrab, anzi jirtira psikoloġikament.

[1]Stqarrija ta' Ellul Mercer lil Giovanni Curmi fit-3 ta' Ġunju, 1949. Dokument għand il-Familja Curmi.

[2]Ellul Mercer stess kien delettant akkanit tal-kaċċa.

**ĠORĠ MIFSUD**



# IL-ĦSIEB MODERN FIL-POEŻIJA

**Is-sens tal-modern fil-letteratura m'huwiex ġdid daqskemm wieħed jista' jaħseb. Fil-bidu ta' dan is-seklu, bejn l-1913 u l-1918, poeti importanti bħal Ezra Pound kienu diġà qegħdin jippruvaw janalizzaw "il-metodi" għall-poeżija l-ġdida. Kienu interessati minn aspetti tal-lingwa, tas-simboloġija u tar-ritmu.**



Fil-bidu tas-seklu kien hemm l-ossessjoni ġdida bil-*vers libre* (il-vers ħieles). Din l-ossessjoni ġabet magħha ħafna kontroversji u ħafna verżjonijiet ta' ideat. Ħafna skejjel Franċiżi qanqlu polemiki qawwija dwar is-suġġett u dan wieħed irid jieħdu fid-dawl tal-metodi riġidi tal-versi Franċiżi sa dak iż-żmien. Poeti bħal Guillaume Appollinaire kienu taw flessibbiltà ġdida fjamanta lill-versi u ħolqu tensjoni stilistika li ħadd ma kien għadu ħaseb fiha.

Irid jingħad ukoll illi l-vers modern kien assoċjat ma' esperimenti oħra fl-arti tal-pittura, fosthom mal-kubiżmu. Dan l-istil pittoriku kien stil intellettwali: l-artist ma kienx jinterpreta biss id-dinja ta' barra iżda kien interessat mill-anatomija **interna** tas-suġġett. Is-suġġett beda "jitkisser" biċċa biċċa u mbagħad jerġa' jkun imgħaqqad permezz ta' super-impożizzjonijiet kuraġġużi.

Bejn wieħed u ieħor, il-poeżija moderna tagħmel




l-istess: ma tikkuntentax ruħha biss bir-realtà ta' barra, iżda tfittex veritajiet moħbija li għandhom x'jaqsmu ħafna mal-psikoloġija mqallba tar-ruħ kontemporanja.

It-taqlib li ġab miegħu l-vers ħieles kien kontroversjali. Uħud ipprotestaw li l-istruttura mużikali tkissret, jew li l-lingwaġġ kien qed jintgħażel bl-addoċċ. Fuq kollox kien hemm ħafna protesti li l-vers modern kien wieħed ikkumplikat u l-ideat ma jinftehmux.

Għal dawn l-akkużi, nies bħal Pound kienu jwieġbu li l-poeżija moderna hija mibnija fuq sensiela ta' "immaġni" immedjati, kull immaġni taħbat ma' l-oħra jew tirkeb fuqha. Ezra Pound kien fisser immaġni moderna bħala r-riżultat ta' *"an intellectual and emotional complex in an instant of time"*. Pound qal li kien juża l-kelma *"complex"* f'sens purament psikoloġiku. Huwa argumenta li l-istess xbieha kumplessa kienet twassal biex l-awtur jillibera ruħu, jeħles minn xi ħaġa li kienet qed iddur f'moħħu, anki subkonxjament, għal ħafna żmien, sakemm sabet forma (lingwistika). F'wieħed mill-esejs letterarji tiegħu Pound kiteb hekk:

> *It is the presentation of such a complex instantaneously which gives that sense of sudden liberation; that sense of freedom from time limits and space limits; that sense of sudden growth, which we experience in the presence of the greatest works of art. It is better to present one Image in a lifetime than to produce voluminous works.*

Ir-rivoluzzjoni fil-vokabularju, fil-forma, fil-metrika fissintassi u saħansitra fil-punteġġjatura laqtet ukoll, għalkemm tard, lill-poeżija Maltija. Dak li ġara fis-Snin Sittin, meta grupp ta' awturi ġodda kkontestaw dak kollu li kien tradizzjonali fil-letteratura tagħna, illum huwa fatt storiku ta' importanza kbira. Fil-fażi ta' sperimentazzjoni fis-Sittinijiet aktarx li ma nkitbitx l-aħjar poeżija moderna, għax din kienet prodotta fis-Snin Sebgħin u Tmenin. Iżda s-Snin Sittin kienu l-pedament ta' ħsieb radikali li aġġorna lill-poeżija lokali.

Kien aġġornament li seħħ tard, l-aktar minħabba l-egħluq ġeografiku ta' Malta li mbagħad, fis-Snin Sittin, beda jkun modifikat minħabba s-safar u minħabba l-influss turistiku qawwi. Kien aġġornament li wassal ukoll għal interess ġdid fiċ-ċirkostanzi soċjo-politiċi talpajjiż. L-awtur Malti ma baqax aktar marbut mad-dehra kampanjola u domestika tad-"dinja raħal", iżda fetaħ vista fuq realtajiet internazzjonali, inkluża l-ġlieda għassopravivenza f'epoka nukleari fejn il-forzi politiċi jinħassu jheddu ta' spiss l-istess eżistenza tal-bniedem.

**MARIO AZZOPARDI**





ESKLUSSIV

# IR-RAPPORT TA' L-EŻAMINATURI

ANALIZZAT MINN Ġ. MIFSUD

**Fiż-żewġ rapporti li se nagħtukom, fl-ewwel ħarġa tar-rivista tagħna kummenti fuq l-eżami tal-livell avvanzat, u fit-tieni ħarġa tax-xahar id-dieħel fuq l-eżami tal-livell ordinarju, hemm il-ħsieb li ngħinukom bħala studenti jew bħala għalliema biex tagħrfu x'qed jippretendu l-eżaminaturi fil-karta. Fl-istess ħin qed inħarsu lejn ir-riżultati ta' l-1985 (u fil-każ tal-livell avvanzat lejn ta' l-1984 ukoll) mill-aspett xjentifiku ta' l-istatistika biex tagħrfu aħjar u b'mod oġġettiv kif marru l-istudenti fihom u intom taraw x'tistgħu titgħallmu minnhom għall-ġid tagħkom.** ***(Il-Bord Editorjali)***

Ħarsu sewwa u iflu t-tabelli li ġejjin:

ĠUNJU, 1984

| Il-Grad | Kandidati bil-Grad | Persentaġġ tal-Kandidati kollha | Persentaġġ ta' li Għaddew |
|---|---|---|---|
| A | 0 | 0 | 0 |
| B | 12 | 4.38 | 7.84 |
| Ċ | 40 | 14.60 | 26.14 |
| D | 54 | 19.71 | 35.29 |
| E | 47 | 17.15 | 30.73 |
| F | 121 | 44.16 | 100.00 |
| Total | 274 | 100.00 | |

*Tabella 1*

DIĊEMBRU, 1984

| *Il-Grad* | *Kandidati bil-Grad* | *Persentaġġ tal-Kandidati kollha* | *Persentaġġ ta' li Għaddew* |
|---|---|---|---|
| A | 4 | 1.95 | 3.03 |
| B | 29 | 14.15 | 21.97 |
| Ċ | 62 | 30.24 | 46.97 |
| D | 29 | 14.15 | 21.97 |
| E | 8 | 3.90 | 6.06 |
| F | 73 | 35.61 | 100.00 |
| Total | 205 | 100.00 | |

*Tabella 2*

ĠUNJU, 1985

| | | | |
|---|---|---|---|
| A | 5 | 2.24 | 3.03 |
| B | 49 | 21.97 | 29.70 |
| Ċ | 58 | 26.01 | 35.15 |
| D | 32 | 14.35 | 19.39 |
| E | 21 | 9.42 | 12.73 |
| Total | 58 | 26.01 | 100.00 |
| Total | 223 | 100.00 | |

*Tabella 3*

DIĊEMBRU 1985

| *Il-Grad* | *Kandidati bil-Grad* | *Persentaġġ tal-Kandidati kollha* | *Persentaġġ ta' li Għaddew* |
|---|---|---|---|
| A | 13 | 4.80 | 5.83 |
| B | 52 | 19.19 | 23.32 |
| Ċ | 87 | 32.10 | 39.01 |
| D | 36 | 13.28 | 16.14 |
| E | 35 | 12.92 | 15.70 |
| F | 48 | 17.71 | 100.00 |
| Total | 271 | 100.00 | |

*Tabella 4*

TABELLA KOMPARATTIVA

| Iċ-Ċansijiet li Tinkiseb Marka Ogħla/Inqas (-) | | | |
|---|---|---|---|
| Il-Grad | Diċembru, 1984 | Ġunju, 1985 | Diċembru, 1985 |
| A | + ( 3.03%) | +/- | + (2.80%) |
| B | + (14.13%) | + ( 7.73%) | - (6.38%) |
| Ċ | + (20.83%) | - (11.82%) | + (3.86%) |
| D | - (13.32%) | - ( 2.58%) | - (3.25%) |
| E | - (24,67%) | + ( 6.67%) | + (2.97%) |

*Tabella 5*

Kif jistqarru l-eżaminaturi, u kif juru aħjar dawn it-tabelli u ċ-ċarts "kien hemm titjib progressiv minn Sessjoni għal oħra". Skond l-aħħar tabella, Tabella 5, iċ-ċansijiet li wieħed jikseb l-ewwel grad mis-Sessjoni ta' Ġunju, 1984 għas-Sessjoni ta' wara ta' Diċembru, 1984 għolew f'daqqa bi 3.03%, baqgħu l-istess fis-Sessjoni ta' Ġunju, 1985 u reġgħu għolew b'aktar mid-doppju f'Diċembru, 1985 meta safejn naf jien din kienet l-ewwel darba meta 13-il student ingħataw l-ogħla grad. Hawn ta' min jifraħ lill-istudenti li bħas-soltu jafu jistudjaw jekk iridu u lill-eżaminaturi stess li ħarsu lejn l-isforzi tat-tfal u bħal f'eżamijiet oħra ta' barra mhux biss żammew il-livell imma kienu wkoll umani u ma qagħdux lura milli jagħtu l-marka għolja mistħoqqa fejn kien il-każ. Fil-fatt, bħala kronaka, ta' min isemmi li din iż-żieda fl-għoti tal-marka għolja A bdiet isseħħ wara s-seminar li kien sar fl-Università ta' Malta għall-għalliema tal-Malti fil-Livell Avvanzat ma' l-eżaminaturi stess nhar il-5 ta' Diċembru, 1984! Jalla dawn is-seminars jibqgħu jsiru regolarment biex l-eżaminaturi u l-għalliema u direttament l-istudenti jkunu jafu mill-qrib l-implikazzjonijiet kollha ta' dan l-eżami.

Fost il-kummenti interessanti li nsibu f'dan ir-rapport insemmu:

1. "...b'mod ġenerali... ħafna mill-Kandidati wrew livell tajjeb jew mhux ħażin f'dawk li huma ideat. Imma fejn jidħlu temi argumentattivi... jinħassu limitazzjonijiet kbar fl-argumentazzjoni u fil-preżentazzjoni ta' dawn l-argumenti favur u/jew kontra ta' dak li jkun hemm fit-titlu..."

2. "Ħafna Kandidati qalbu t-test (tat-traduzzjoni).... kelma b'kelma bla ma qagħdu jfittxu li jiktbu b'Malti idjomatiku, grammatikali u sintattiku. Jidher li l-vokabolarju u l-espressjonijiet Maltin huma limitati ħafna fost il-Kandidati... għalkemm wieħed jistenna wisq aktar f'din l-età u f'dan il-livell ta' eżami."

3. "M'għadux iż-żmien li wieħed jibża' li jinqeda b'kelma ta' nisel Rumanz jew Anglo-Sassonu meta jkun hemm il-ħtieġa."

4. "... xi Kandidati ġie li lanqas fehmu l-Ingliż tas-silta..."

5. *"Il-Kandidati xi kultant sabu wkoll diffikultà biex jaqilbu għall-Malti verbi li fl-Ingliż huma bil-Passiv, minflok ma nqdew bl-attiv jew bil-ħames, is-sitt, bis-seba' jew bit-tmien forma fil-Malti."*

6. *"(Fit-taqsima tal-lingwistika Maltija) Kien hemm ħafna Kandidati li għamlu introduzzjonijiet twal għalxejn, u meta daħlu fis-suġġett kellhom jagħlqu malajr jew minħabba li ma kellhomx ħin aktar disponibbli, jew minħabba li ma kellhomx aktar x'igħidu relevanti mal-mistoqsija. Kien hemm ukoll diversi kandidati li ħlew ħafna ħin iwieġbu l-mistoqsija (a), biex wara qatgħuha b'sinjal, u bdew iwieġbu l-mistoqsija (b) biex spiċċaw li kitbu ftit li xejn fuqha."*

7. "...kien hemm min ħallat l-Anglo-Sassonu ma' l-Indo-Ewropew bla ma ġieh f'rasu li l-Indo-Ewropew iħaddan kemm ir-Rumanz u kemm l-Anglo-Sassonu."

8. "... fil-qasam tal-poeżija... kien hemm ħafna Kandidati li kitbu ħafna ħwejjeġ li m'għandhom x'jaqsmu xejn max-xogħlijiet letterarji u mal-mistoqsijiet li kien hemm... Il-Kandidati għandhom jintrabtu sewwa mat-test u jrawmu fihom dawk il-kapaċitajiet li jġegħluhom isibu l-karatteristiċi li hemm fih."

9. "Għadu jinħass ukoll nuqqas serju fil-qasam ta' l-ortografija, ta' l-idjoma, tas-sintassi u tal-vokabolarju. Mingħajr dawn l-elementi, studjati u miksubin b'qari ta' testi Maltin tajbin, ebda student ma jista' jgħid li jaf il-Malti. Għalhekk tinħass ħafna l-ħtieġa li tingħata importanza wisq u wisq ikbar fil-programm ta' l-istudju lill-għarfien serju tal-lingwa."

10. "(Fit-taqsima tan-narrattiva u d-drama) kien

jissokta f'p. 18

analiżi tar-rapport ta' l-eżaminaturi





hemm xi ftit Kandidati li... wrew kemm kienu jafu t-testi sew hekk li daħħlu 'l hawn u 'l hemm saħansitra xi kwotazzjonijiet, l-iktar fil-qasam tad-drama. Imma Kandidati oħra ħlew ħafna ħin u wisa' jagħtu tagħrif storiku dwar l-awturi, bir-riżultat li mbagħad spiċċaw biex qalu ftit li xejn relevanti għall-mistoqsija."

11. "Minkejja l-mod kif ingħataw il-mistoqsijiet dwar l-**Antoloġija ta' Proża Maltija** kien f'dan il-qasam li kien hawn uħud mill-agħar tweġibiet."

12. "(Fit-taqsima tal-Kritika Letterarja) dan kien u għadu wieħed mill-punti debboli tat-tieni Karta. Anki min hu kapaċi jagħti tweġiba dwar testi studjati minn qabel x'aktarx li qed isib id-diffikultà meta jkollu jagħmel kritika letterarja fuq poeżija li ma kienx studja qabel. U dan minkejja l-fatt li l-mistoqsijiet kienu ġenerali kull darba."

Minn dan kollu jidher li hemm bżonn jidħol taħriġ prattiku fl-ewwel Karta ta' l-eżami, bħal ngħidu aħna t-Taqsira twila, bħalma jsir fl-eżamijiet ta' lingwi barranin u bħalma jsir fl-eżamijiet tal-Pulizija biex l-istudenti jitħarrġu f'dak li l-eżaminaturi sejħulu "l-għarfien serju tal-lingwa". Kif inhi l-Karta bħalissa dan jista' jseħħ biss fil-kitba tal-komponiment ġenerali.

Hemm bżonn li l-istudenti jifhmuha darba għal dejjem li l-Malti għandu bżonn ukoll il-qari barrani tiegħu, u mhux biss il-kotba ta' l-eżami. Fuq kollox ma jistax jonqos il-qari bl-Ingliż minħabba s-silta tat-traduzzjoni.

Hemm bżonn studju serju u wiesa' tal-kotba **kollha** ta' l-eżami bi preparazzjoni miftuħa għalih bis-saħħa ta' għadd kbir ta' komponimenti biex l-istudenti jidraw minn qabel l-isfida tal-komponiment u mhux ħafna drabi jiltaqgħu magħha għall-ewwel darba fl-eżami. Kif stqarru l-eżaminaturi stess, is-sehem tal-qari, l-aktar tal-kritika, huwa importanti minħabba t-tielet taqsima tat-tieni Karta. L-eżaminaturi f'dan il-qasam jistgħu jgħinu wkoll billi lill-għalliema u lill-istudenti joħorġulhom mudelli ta' kritika biex juruhom il-livell li qed jippretendu fl-eżami.




Ċart 1




Ċart 2




Ċart 3

# TWEĠIBA MUDELL

SESSJONI MEJJU/ĠUNJU, 1987: IT-TIENI KARTA

## Ġorġ Zammit jissaħħar wara l-ġmiel naturali ta' Malta. Ikteb dwar Zammit bħala poeta tal-pajsaġġ.

1. Zammit jippersonifika, jew aħjar jantropomorfizza (jagħti bixra umana) lil kull ħaġa li m'hix umana fin-natura. Il-poeżija pajsaġġistika tiegħu ssibha dejjem lokalizzata. Tiegħu l-eżistenza spiritwali tagħha mill-post magħżul, bħal fil-poeżija "Għajn Riħana" (paġ. 2), "San Ġużepp tat-Tarġa" (paġ. 5), "Lill-Wied tal-Lunzjata, Għawdex" (paġ. 34), "Ħdejn Knisja Mwarrba" (paġ. 96) u "L-Għajn ta' Sant'Anna, fil-Pwales" (paġ. 177). Għalhekk, in-natura ta' Zammit m'hix anonima jew mqiegħda f'pajjiż barrani, bħal fil-każ ta' Anton Buttigieg.

2. In-natura ta' Zammit hija storika u teżisti xi mkien. Fil-fatt jista' jitqies il-poeta ta' l-imkejjen u tal-ħinijiet. Hu l-gwida tal-postijiet tipiċi Maltin, il-vjaġġatur tal-pajsaġġ Malti li jgħanni l-poeżija ta' isimhom fl-alliterazzjonijiet u r-ritmi ta' vrusu. Il-vjaġġ huwa ġewwieni u fiżiku kif jidher f'"Il-Għanja tas-Seba' Niċeċ" (paġ. 9-30) u fuq kollox f'"Il-Għanja tas-Seba' Għerien" (paġ. 48-69). Fih hemm relazzjoni mistika u kurjuża man-natura mhux biss pajsaġġistika iżda wkoll veġetattiva. It-tfittxija tintmess bis-sensi imma sseħħ ukoll fil-kuxjenza tiegħu. B'hekk, l-astratt u l-ispiritwalità jitbiddlu fil-fiżiku tal-pajsaġġ.

3. Fin-natura hemm is-seħer u n-nostalġija li jressqu lis-sensi lejn l-ispirtu għax fiha hemm is-superjorità li taha Alla. Hi "misruqa" mis-smewwiet ("Għajn Riħana", paġ. 2). Kontra l-bniedem, hi fidila għal kollox lejn il-pjan ta' Alla, bħal fil-poeżija "Lill-Werżieq tal-Ħarrub" (paġ. 34) u "Gelmus" (paġ. 120, 157).

4. Ir-ruħ ta' Zammit tibni djalogu mqanqal magħha nfisha. Hu monologu kiebi f'għamla ta' taħdita li trid tikkomunika. Hu jitkellem bl-ilħna tal-postijiet, ta' l-oġġetti u tal-ħlejjaq. Fl-istess ħin jibqa' jidher bħala bniedem u bħala poeta fl-ambjent pajsaġġistiku ta' madwaru. Fuq hekk, ara l-poeżiji "L-Għerien tal-Fatati" (paġ. 1), "Lill-Imħara"



(paġ. 8), "Lil Werżieq tal-Ħarrub" (paġ. 34), "Il-Għanja tas-Sirena" (paġ. 87), "Il-Bilbla" (paġ. 92), "Lil Malta" (paġ. 93), "In-Nixxiegħa" (paġ. 95), "Ħdejn Knisja Mwarrba" (paġ. 96), "Iż-Żerriegħa" (paġ. 106) u "Id-Dielja" (paġ. 125).

5. Minkejja l-ispiritwalità soġġettiva tiegħu, fl-esperjenza pajsaġġistika l-poeta jara jinbnew quddiemu l-valuri tiegħu. Fihom jagħraf aħjar l-identità li qiegħed ifittex. Għalhekk lin-natura jagħtiha l-interpretazzjoni morali: fiha hemm il-pjan ta' Alla ("dik l-Id") li jagħti t-tifsira spiritwali ta' l-eżistenza. Hemm rabta reliġjuża bejn in-natura u Alla personali. Kull biċċa minn Malta hija minjatura tal-ħolqien kollu maħluq minn Alla, bħal fil-poeżija "Lill-Wied tal-Lunzjata, Għawdex", (paġ. 34), "Lil Malta" (paġ. 93), "Ħdejn Knisja Mwarrba" (paġ. 96), "Malta u n-Natura" (paġ. 152), "Għajn Virdillija" (paġ. 174), "Wied Qirda f'Inżul ix-Xemx" (paġ. 181) u "F'Wied il-Bużbież" (paġ. 182).

6. B'hekk, in-natura hija dinamika għal Zammit, titwaħħad miegħu, titqabbel miegħu, issejjaħlu u sservih ta' għalliema dejjiema biex tbiegħdu mill-aljenazzjonijiet ta' l-oħrajn u tressqu lejn il-ħolqien kif inhu. Ara l-poeżiji "Lil Werżieq tal-Ħarrub" (paġ. 34), "Lil Ħolma li Baqgħet Ħolma" (paġ. 91), "It-Testment Tiegħi" (paġ. 98), "Gelmus" (paġ. 120, 157), "Il-Poeta" (paġ. 138), "Darba f'Wied Babu" (paġ. 140), "Għajn Virdillija" (paġ. 174), "Il-Bejta fin-Niċċa" (paġ. 178) u "Iż-Żunżan" (paġ. 179).

7. Bir-raġun kollu Zammit lill-bniedem iwarrbu minn ħarstu bħala l-aġent tal-ħażen, l-istess bħalma jiġri fil-poeżija ta' Anton Buttigieg. Imma bħal Karmenu Vassallo, romantiku ieħor, l-emozzjoni tiegħu jgħattiha bil-kelma magħżula u mirquma biex irażżan u jibbilanċja l-istess emozzjoni. Fuq hekk ara, "L-Għerien tal-Fatati" (paġ. 1), "Gelmus" (paġ. 120, 157), "Darba, f'Wied Babu" (paġ. 140), "Għajn Virdillija" (paġ. 174) u "F'Wied il-Bużbież" (paġ. 182).

S. DEBONO

GRAMMATIKA u TAĦRIĠ IL-FEHEM

Minn ĠORĠ MIFSUD

# ŻMIEN TA' TBATIJA

Dik il-ħabta, kien żmien ta' tbatija għal kull min sab ruħu assedjat fuq il-gżira tagħna. Barra l-periklu serju tal-mewt minn attakki mill-ajru, kien hemm ukoll nuqqas ta' ikel li bil-mod il-mod kien qed jeqred is-saħħa u l-ħeġġa ta' ħafna nies. Minkejja t-tfixkil, bosta nies ħabirku sabiex itejbu l-ħajja ta' kuljum, jagħmlu l-ħajja fix-xeltrijiet aktar komda, u jagħtu sehemhom biex titjieb il-ħajja madwarhom. Rigali ftit li xejn kien hawn, ġugarelli u ħlewwiet xejn. Iżda waqt xi ħin liberu ż-żgħażagħ kienu jiġbru bċejjeċ ta' l-aluminju minn ajruplani mwaqqgħin u bċejjeċ ta' njam u bihom jaħdmu mudelli ta' bastimenti, ajruplani u tankijiet. Kienu jinħadmu wkoll ċrieket u slaleb minn majka ta' ajruplani mfarrka. Ta' min isemmi wkoll li ħdejn il-knisja ta' Santu Rokku sar bejgħ ta' bosta rigali u pupi maħduma minn suldati u mseħbin ta' diversi għaqdiet. Il-qligħ tqassam lill-foqra. Xi wħud minn dawn il-pupi kienu xbihat ta' piloti u suldati bl-elmi tal-ħadid.

Matul il-ġurnata tal-Milied, li kien il-Ħamis, is-sireni newħu ħames darbiet. Kien jum storiku, imma ikreh, jum ta' ferħ imma fl-istess ħin jum ta' niket, jum meta t-talb fix-xeltrijiet tħallat mal-ħsejjes karraba ta' l-ajruplani u t-tfaqqigħ tal-kanuni mill-art u tal-bombi mill-ajru. L-ewwel rejd kien fis-siegħa u tlittax-il minuta. Kienet lejla ħiemda, iżda mudlama ħtija tal-blekawt. Għalkemm kien hemm żiffa kiesħa, is-sema kien safi, bil-kwiekeb jiddu u jteptpu ferħana f'dik il-ħemda tal-lejl. Daqqet il-balomba biex tħabbar ħbit ieħor mill-ajru. Għall-ewwel ħbit ħsibt li kont qiegħed noħlom! "Isa, qum, ħalli mmorru fix-xelter!" qaluli...

F'daqqa waħda dik il-ħemda nkisret minn inbiħ ta' kelb. Tlaqna lejn ix-xelter. Is-sema kien imdawwal bis-serċlajts u taħtu x-xefaq imdawwal jitbewwes ma' l-ilma tal-baħar tal-Port il-Kbir. Id-dehra kienet maqsuma fi tnejn mid-dell sewdieni ta' ħajt ta' bini mġarraf. Ftit ħin wara l-paċi ta' jum il-Milied inkisret mill-ħsejjes ikarwtu ta' ajruplani qed joqorbu. Ma ridniex nemmnu li anki f'dan il-jum għażiż kien se jsir ħbit ieħor. Forsi, ħsibt dak in-nhar, kienu ajruplani tagħna, telqin minn Malta. Iżda ma kienx hekk! Ftit ftit il-ħsejjes ta' l-ajruplani bdew dejjem aktar joqorbu. F'daqqa waħda smajna l-bombi niżlin u bżajna... Tifqigħa wara l-oħra, duħħan, sparar u dawl. Duħħan u riħa ta' porvli tħalltu mar-riħa niedja tal-ħaxix li kien jikber fuq it-trab ta' ħafna bini mġarraf. Għajta rqiqa nstemgħet tofroq id-dlam. Nies oħra nstemgħu jwerżqu. Qalb dak il-biża' u ġenn stħajjiltni nilmaħ xi erwieħ jiġġerrew fid-dlam qishom mitlufin, qed ifittxu l-kenn.

Inżilna fix-xelter u xi wħud qalu li kien hemm tifel nieqes. Forsi ntlaqat b'xi balla?

**(Charles J. Boffa, *It-Tlitt Ibliet Matul l-Aħħar Gwerra* (1976), paġ. 28-29)**

## URI X'FHIMT

(1) Qassar din is-silta **fi kliemek** f'mhux aktar minn 120 kelma. Il-kitba fiha madwar 360 kelma.

(2) X'titlu alternattiv kont tagħtiha lil din is-silta?

(3) Ma' liema stil ta' kitba tagħmel is-silta? Narrattiva? Deskrittiva? Argumentattiva? Espożitorja? Umoristika? Għala?

(4) Mit-tieni paragrafu 'l isfel il-kittieb jidher li qed iġarrab żewġ burdati kuntrarji fl-istess ħin. Fisser fil-qosor liema huma.

(5) Semmi xi dettalji mis-silta biex turi li l-ġrajja seħħet fit-Tieni Gwerra Dinjija u mhux qabel.

(6) Taħseb li l-gwerra kienet fil-bidu tagħha jew kienet ilha li bdiet? Għaliex? Islet mis-silta.

(7) X'taħseb li jrid juri l-kittieb b'din is-silta? Taħseb li rnexxielu? Għaliex?

(8) Għala l-kittieb juża l-kelma "assedjat"? (v. 2)

(9) Kif kienu jqattgħu l-ġurnata l-Maltin matul il-gwerra?

(10) Skond il-kittieb liema kienu ż-żewġ problemi ewlenin għall-Maltin tul il-gwerra?

(11) Taħseb li kien hemm flus fl-idejn f'dak iż-żmien? Islet mis-silta.

(12) Fil-lejl tal-Milied fejn kien rieqed il-kittieb? Taħseb li kien waħdu? Għaliex?

(13) X'kienet **l-ewwel** reazzjoni tal-kittieb meta "Daqqet il-balomba biex tħabbar ħbit ieħor mill-ajru"? (v. 25)

(14) Għala "F'daqqa waħda dik il-ħemda nkisret minn inbiħ ta' kelb"? (v. 28)

(15) X'taħseb li kien ġara biex "Għajta rqiqa nstemgħet tofroq id-dlam"? (vv. 40-41).

(16) Fisser kif il-kittieb jirnexxilu joħroġ l-azzjoni ta' l-għadu fuq Malta. (vv. 36-39)

(17) Fil-qosor x'tikkonkludi fuq il-karattru tal-kittieb mis-silta kollha,

l-aktar meta fl-aħħar jistqarr "Qalb dak il-biża' u ġenn stħajjiltni nilmaħ xi erwieħ jiġġerrew fid-dlam qishom mitlufin, qed ifittxu l-kenn"? (vv. 42-43)

## IL-GRAMMATIKA

(18) Agħti l-mamma u l-għerq ta': (a) sab (v. 1), (b) tqassam (v. 15), (ċ) daqqet (v. 25), (d) tħabbar (v. 25), (e) qum (v. 26), (f) immorru (v. 27), (ġ) telqin (v. 35), (g) bdew (v. 37), (għ) smajna (v. 37), (h) tofroq (v. 41).

(19) Għid il-forma ta': (a) titjieb (v.7) (b) newħu (v. 18), (ċ) tħallat (v.20), (d) jiddu (v.24), (e) nkisret (v. 28), (f) jwerżqu (v. 41), (ġ) stħajjiltni (v. 42), (g) jiġġerrew, (v. 42), (għ) ifittxu (v. 43), (h) ntlaqat 45).

(20) Qiegħed il-verbi li ġejjin fl-istess persuna tal-perfett: (a) jagħmlu (v. 6), (b) jagħtu (v. 6), (ċ) titjieb (v. 7), (d) isemmi (v. 13), (e) jiddu (v. 24), (f) qum (v. 26), (ġ) immorru (v. 27), (g) nemmnu (v. 34), (għ) tofroq (v. 41), (h) ifittxu (v. 43).

(21) Qiegħed il-verbi li ġejjin fl-istess persuna ta' l-imperfett: (a) sab (v. 1), (b) newħu (v. 18), (ċ) tħallat (v. 20), (d) daqqet (v. 25), (e) tħabbar (v. 25), (f) bdew (v. 37), (ġ) smajna (v. 37), (g) bżajna (v. 38), (għ) instemgħet (v. 41), (h) qalu (v. 44).

(22) Oħroġ aġġettiv minn: (a) periklu (v. 2), (b) attakki (v. 3), (ċ) ajru (v. 3), (d) ħeġġa (v. 4), (e) ferħ (v. 19), (f) noħlom (v.26), (ġ) dell (v. 31), (g) paċi (v. 32), (għ) bżajna (v. 38), (h) kenn (v. 43).

(23) Sawwar verbi minn: (a) sab (v. 1), (b) periklu (v. 2), (ċ) serju (v. 2), (d) liberu (v. 8), (e) mudelli (v. 10), (f) rejd (v. 21), (ġ) tnejn (v. 31), (g) sparar (v. 38), (għ) ġenn (v. 42), (h) kenn (v. 43).

(24) Agħti l-parteċipju passat ta': (a) jeqred (v. 4), (b) itejbu (v. 5), (ċ) jagħmlu (v. 6), (d) jagħtu (v. 6), (e) isemmi (v. 13), (f) tħabbar (v. 25), (ġ) ħsibt (v. 35), (g) smajna (v. 37), (għ) tħalltu (v. 39), (h) ifittxu (v. 43).

(25) Agħti s-singular ta': (a) ġugarelli (v. 8), (b) ħlewwiet (v. 8), (ċ) żgħażagħ (v. 9), (d) ċrieket (v. 12), (e) slaleb (v. 12), (f) mseħbin (v. 14), (ġ) foqra (v. 15), (g) xbihat (v. 16), (għ) ħsejjes (v. 36), (h) erwieħ (v. 42).

(26) Nissel nomi minn: (a) ruħu (v. 1), (b) komda (v. 6), (ċ) ħadid (v. 16), (d) newħu (v. 18) (e) ikreh (v. 18), (f) kiesħa (v. 23), (ġ) safi (v. 24), (g) qaluli (v. 27), (għ) sparar (v. 38), (h) porvli (v. 39).

(27) Skond l-awtur, "L-ewwel rejd kien fis-siegħa u tlittax-il minuta" (vv. 21-22). Madankollu, bil-Malti dan il-ħin ngħiduh aħjar 'fis-siegħa u kwart nieqes żewġ minuti'. Kif ngħiduhom dawn il-ħinijiet? (a) 1.10 a.m.; (b) 1.55 a.m.; (ċ) 5.20 p.m.; (d) 7.25 p.m.; (e) 8.30 a.m.; (f) 10.50 a.m.; (ġ) 6.40 a.m.; (g) 4.58 p.m.; (għ) 11.56 a.m.; (h) 11.45 p.m.

# MUDELLI MILL-KARTA TA' L-EŻAMI

## SEZZJONI MEJJU/ĠUNJU, 1987: L-EWWEL KARTA

*a. It-titlu.* **L-għala s-snajja' Maltin baqgħu lura għalkemm huma mill-aqwa.**

b. *Taqsira*

Il-Maltin nies tas-sengħa u kapaċi għas-snajja' kif jistqarru l-barranin tal-qatgħa, fosthom xi parlamentari Ingliżi li jidhrilhom li l-artiġjani Maltin tajbin daqs l-artiġjani Ingliżi u daqs kulħadd. Madankollu, is-snajja' Maltin m'humiex mexjin 'il quddiem minħabba li ftit qed jattendu l-iskejjel tad-disinn. Hemm min mhux qed imur għax ma japprezzax l-importanza ta' dawn l-iskejjel u min qed imur mhux jattendu l-kors sħiħ. (60 kelma)

ċ. i. Is-silta għandha bixra argumentattiva.
ii. Erba' kelmiet ta' nisel Rumanz: parlament, ministri, disinn, skejjel.
iii. Qawl Malti fis-silta: Kull tajr jifraħ b'rixu.
iv. *Sinonimi:* **stranġieri** = barranin; **kapaċità** = ħila; **ħafna** = bosta; **intelliġenza** = dehen
v. *Negattiv:* **jixhduhulna** ⇒ ma jixhduhulniex; **jinqalgħu** ⇒ ma jinqalgħux; **beda** ⇒ ma bediex **jitgħallem** ⇒ ma jitgħallimx.
vi. *Opposti:* **jifraħ** ⇒ jagħli; **barranin** ⇒ ġewwinin; **ifaħħru** ⇒ imaqdru; **bżulija** ⇒ għażż.

d. i. *Singular:* **snajja'** ⇐ sengħa; **uħud** ⇐ wieħed; **mgħallmin** ⇐ mgħallem; **barranin** ⇐ barrani.
ii. *Kelmiet fl-għadd imtenni:* għajnejhom, idejhom.
iii. *Il-mamma u l-għerq:* **jixhduhulna** ⇐ xehed ⇐ X-H-D; **marru** ⇐ mar ⇐ M-W-R; **baqgħu** ⇐ baqa' ⇐ B-Q-Għ; **jistgħu** ⇐ seta' ⇐ S-T-GĦ.
iv. *Il-forom:* **iħabbtuha**: it-II F.; **niftaħru**: it-VIII F.; **jinqalgħu**: is-VII F.; **jitgħallmu**: Il-V F.
v. *Verbi fl-istess persuna tal-Perfett:* **jixhduhulna**: xehduhulna; **ma ntawlux**: ma tawwalniex; **jistgħu**: setgħu; **jitgħallmu**: tgħallmu.
vi. *Aġġettivi:* **bżulija** ⇒ bieżel; **għerf** ⇒ għaref; **għaqal** ⇒ għaqli; **jifraħ** ⇒ ferħan.

Qatt ħsibt kemm hija importanti x-xjenza f'ħajtek? Ix-xjenza taffettwa l-ikel li tiekol, l-ilbies li tilbes, id-divertiment li tfittex u l-mod kif tivvjaġġa. Tinfluwenzalna mhux biss kulma nagħmlu imma wkoll kif naħsbuha. Ix-xjenza hija mod ta' ħajja.

Xi wħud iħarsu lejn ix-xjenza bħala studju misterjuż wisq. Jimmaġinaw li x-xjenzati kollha jilbsu l-ġagaga bajda tal-laboratorju u jaslu għas-soluzzjonijiet strambi bis-saħħa tal-formoli sigrieti. Dawn in-nies ma jifhmux li kull min jaħseb xjentifikament u jinqeda bl-għerf xjentifiku jista' jqis lilu nnifsu bħala xjenzat.

Ix-xjenzat tabilħaqq irid ikun jaf il-għala. Ifittex it-tweġibiet kemm għall-mistoqsijiet sempliċi u kemm għall-mistoqsijiet kumplessi. Dawn it-tweġibiet iridu jinbnew fuq il-fatti ppruvati u mhux fuq il-fehma. F'dan is-sens tkun qed tagħmilha tax-xjenzat kull darba li ssaqsi "l-għala?" u taċċettahom biss it-tweġibiet jekk issib il-provi. Hemm xi passi fuqiex iridu jimxu x-xjenzati meta jiġu wiċċ imb'wiċċ ma' prolblema xjentifika. Dawn il-passi jsawru dak li ngħidulu l-**metodu xjentifiku.**

# TISLIBA "ANALIŻI" NUMRU 1

SPONSORJATA MID-DITTA MERLIN LIBRARY

**minn ĠORĠ MIFSUD**



## MIMDUDIN

1. F'dan il-post preistoriku mar Ġorġ Pisani bl-immaġinazzjoni tiegħu biex jikteb poeżija (5+3).
6. L-Imperattiv singular tal-verb 'biex' (3).
8. Lewn it-trab li jkun hemm fl-extrej (5).
9. Fil-Kripta ta' Santa Agata fil-poema "Il-Għanja tas-Seba' Niċeċ", Ġorġ Zammit jara x-xbihat imqaddsa tal-Bambin f'ħoġor Ommu, San Anard, Santa Margerita u San... (4).
10 + 39. Lil dan ix-xahar kemm Ġorġ Pisani kif ukoll Ġorġ Zammit kitbulu l-poeżiji (2+3).
11. L-inizzjali ta' kittieb ta' nisel Malti li kien igħix Franza (2).
12. Mas-Sur .... Leli kien jiddiskuti wisq (5).
16. ... l-plagg biex min jużaha ma jiħux xokk (5).
17. Il-protagonista tar-rumanz ta' Ġużè Ellul Mercer (4).
18. "Suldati..." kitibha Ġorġ Pisani (6).
19. Minn dan offrietlu l-armla lil San Dimitri skond "Il-Għanja tas-Seba' Niċeċ" (4).
21. L-ewwel sillaba ta' l-aġġettiv 'umli' (2).
22. Lill-ġgant ta' dan Pisani jarah "Kburi, bla daħka" (6).
26. Pronom indefinit bil-Malti (2).
27. Suffiss li nżiduh biex nuru l-kobor (2).
28. Strument tal-mużika f'għamla ta' trijangolu jew isem ta' tajra li għandha mis-seqer u mill-ajkla (4).
31. L-egħruq tal-verb 'likkem' (3).
33. L-inizzjali ta' Ellul Mercer qabel it-Tieni Gwerra (2).
34. Skond il-proverbju jagħmlek ilsir (4).
35. Il-vokali kollha tal-kelma 'fekruna' (3).
36. Omm Leli fir-rumanz **Leli ta' Ħaż-Żgħir** (7).
38. L-ewwel kelma taħt l-ittra 'r' fid-dizzjunarju (2).
40. Is-suffiss tal-partiċipju passat tal-verb 'storda' (2).

## WEQFIN

1. Lil waħda minn dan Ġorġ Zammit igħidilha li għandha t-"togħma tas-smewwiet" (7).
2. Fiha Pisani jilmaħ "Tfajla, xuxtha tad-deh'b, għajnejha żoroq" (8).
3. Jekk... sinjal li qralek wiċċek mad-daqqa ta' għajn (4).
4. Skond ir-rumanz **San Ġwann** dan kien wiegħed lil Toni Celli li lejlet il-laqgħa tal-Kunsill igħibu l-pjanti ta' Ġlormu Cassar (12).
5. L-ewwel sillaba tal-verb 'miera' (2).
6. La raħa... kbira sinjal li ma għoġbitux (2).
7. F'"Il-Għanja tas-Seba' Niċeċ" Zammit jiftakar fih għax il-Mostin kienu ħaġġruh (6).
13. L-ewwel sillaba tal-verb onomatopeiku 'letlet' (3).
14. ... ma narak għax kont imsiefer (3).
15. Missier Leli jew ħuh kellhom dan l-isem (4).
20. L-ittri komuni tal-kelmiet 'tlugħ' u 'tluq' (3).
23. B'dawn l-ittri jibda isem ir-rivista tagħna (2).
24. F'"Il-Għanja ta'..." Zammit iġarrab kriżi kbira (4).
25. Il-maqlub ta' 'karg' u jekk tirdoppjah ikun ħareġ u niżel mal-ġnieb (3).
26. Gżaw (4).
29. Tlieta mill-konsonanti likwidi (3).
30. F'"Il-Għanja tas-Seba' Niċeċ" Zammit imur Ta'.... u jiftakar f'Karmni Grima (4).
32. Tħassar jew żmaga (3).
33. Il-borma tiegħu tfuħ aktar minn tiegħek (3).
37. Iż-żewġ konsonanti differenti fil-kelma 'lejja' (2).

(**Nota:** l-ittri 'għ' u 'ie' jitqiesu bħala ittra waħda kull darba u għalhekk iridu jitqiegħdu f'kaxxa waħda kull fejn jidhru.)

**Taqtax din il-paġna imma ikkopja t-tisliba u ibgħatha lil:**
**Analiżi,** Il-Liċeo (Umanitajiet), Misraħ Ġ. Debono, l-Imsida.
It-tweġibiet iridu jaslulna sat-30 ta' Novembru, 1987 u r-rebbieħ jingħażel bix-xorti u jingħata b'Lm5 kotba mogħtija mid-ditta MERLIN LIBRARY.
Jistgħu jieħdu sehem l-istudenti kollha mit-III Klassi Sekondarja sas-VI Klassi, l-Ewwel u t-Tieni Sena. Tingħażel l-eqreb soluzzjoni jekk ma jaslux tweġibiet korretti għal kollox biex jingħata l-premju.

STAEDTLER



Giov. Muscat & Co. Ltd.
48, Merchants Street, Valletta Tels: 232923, 233879

S•A•P•I•E•N•Z•A•S

L.Sapienza & Sons Ltd.

BOOKSELLERS • STATIONERS • WHOLESALERS

P.O. Box 36
26, Republic Street, Valletta, Malta
Telephone: 233621



Nowadays most Maltese businessmen require specialist advice and prompt service on the banking transactions they undertake.

Export Finance, Letters of Credit and advice on Exchange Control are an everyday occurrence in our modern banking world together with countless other services such as Status Reports, Forward Contracts and Bills of Exchange.

At Mid-Med Bank it is the manner in which we provide these services that gives us that competitive edge.

In fact this edge has enabled us to remain in the forefront of the financial sector, a sector which is so crucial to our country's economic progress and achievements.

# Mid-Med Bank Limited

HEAD OFFICE: 233 REPUBLIC STREET, VALLETTA, MALTA.

Tel: 625281 Telex: MW 1370

**Malta's Largest Bank**

# LETTERATURA: TWEĠIBA MUDELL

## (ĠORĠ PISANI: SESSJONI MEJJU/ĠUNJU, 1987)

**Iż-żgħożija u l-imħabba huma esperjenzi li Pisani jagħtihom importanza ewlenija fil-versi tiegħu. Iddiskuti u seddaq dan bl-eżempji.**

1. Il-poeżija ditirambika "Il-Għid taż-Żgħożija" li biha tiftaħ l-antoloġija tirrappreżenta l-aħjar esperjenzi ta' Pisani fuq iż-żgħożija għalkemm inkitbet meta kien qabeż it-tletinijiet tiegħu. Influwenzata ħafna mill-Moviment tal-Futuriżmu minħabba t-ton aggressiv, ġelliedi, sfidanti, bombastiku u enerġetiku li bih jigglorifika l-preżent. Il-poeta joħroġ għal kollox favur il-ħeffa, issetgħa, il-vjolenza u l-ġmiel tal-progress. Enfasi kbira fuq il-qerda tal-mard u tal-konservatiżmu u fuq l-eżaltazzjoni tax-xjenza fil-mezzi tal-komunikazzjoni u ta' l-isports.
2. F'bosta poeżiji oħra l-imħabba u l-esperjenza taż-żgħożija jitħalltu flimkien. Fir-romantiċiżmu l-qalb tibqa' s-simbolu tal-passjonijiet tiegħu. Il-poeżija titqies bħala l-esperjenza intima tal-qalb b'interpretazzjoni estetika tal-ġrajjiet awtobijografiċi.
3. Il-ħajja interjuri u personali ta' Pisani ta' sikwit tinħass mhedda mill-kriżijiet. Fl-isfond ta' l-aqwa esponenti tal-poeżija romantika Maltija, l-aktar b'referenza għall-poeti intimisti bħal Rużar Briffa (1906-63), Anton Buttigieg (1912-83), Karmenu Vassallo (1913-87) u Ġorġ Zammit (twieled (1908), wieħed ikollu jistqarr li ftit tidher il-kuxjenza mħabbla ta' Pisani fil-poeżiji tiegħu. L-aħjar siltiet tiegħu jidhru meta jħares 'il barra mill-kuxjenza tiegħu, lejn id-dinja ta' barra, lejn il-poplu Malti bl-Istorja u bil-Preistorja tiegħu bħala ġens sħiħ li jġarrab ġrajja glorjuża.
4. L-allużjonijiet għall-imħabba li jifhimhom Pisani biss fil-poeżiji "Lil Palma Xiħa" (paġ. 15), "Aprilia" (paġ. 13), "Pars Mea" (paġ. 30), "Tliet Għannejja" (paġ. 41), "Triqat Mitlufa" (paġ. 67-8), "Bla Rażan" (paġ. 41).
5. L-imħabba u l-ewwel esperjenzi tagħha meta ħalla l-kunvent u beda jgħix il-ħajja ta' sekular. Tiddomina ħafna n-nota ta' swied il-qalb, tas-skiet kiefer, tad-diżillużjoni, tas-sens tal-ħtija, tax-xewqa li jinża' mill-umanità kiefra li hu biċċa minnha, ta' l-istmerrija lejn is-soċjetà, bħal fil-poeżiji "Pax Ultima" (paġ. 12), "Bla Rażan" (paġ. 81) u "Bla Tama" (paġ. 82).
6. Kuntrast bejn il-poeżija "Taħt Siġra taċ-Ċipress" (paġ. 17) fejn il-poeta jinħass kuntent bil-vokazzjoni reliġjuża u l-poeżiji kollha msemmija fiż-żewġ punti ta' qabel dan.
7. Minkejja l-glorifikazzjoni ta' l-imħabba l-ġdida misjuba għall-ewwel darba fil-poeżija "Ħelsien" (paġ. 70), hemm it-ton ta' falliment għax xi ħadd seraqlu l-maħbuba tiegħu għal dejjem. Din insiet il-ħalfa ta' darba. Fuq hekk, ara "Għanja Moħbija" (paġ. 31), "Lwien" (paġ. 66) "Għaliex" (paġ. 66) u "Triqat Mitlufa" (paġ. 67). Il-poeta jaħrab fl-imgħoddi biex isib xi jħobb. Ħarstu jitfagħha fuq mara reali u/jew ideali frott il-fantasija. Bħar-romantiċi jitħassar lilu nnifsu u jxerred id-dmugħ fuq tifkiriet awtobijografiċi.
8. Id-djalogu għaddej il-ħin kollu man-natura u l-poeta jagħtiha ħajja u taqtagħlu xi ftit xewqtu għas-sabar fl-imħabba mitlufa jew mhux misjuba. Hemm id-djalogu mal-fjuri fil-poeżija "Jum il-Ward" (paġ. 9), mas-siġar fil-poeżiji "Lil Palma Xiħa" (paġ. 14), "Taħt Siġra taċ-Ċipress" (paġ. 17), max-xhur tas-sena, bħal ma' April fil-poeżija "Aprilia" (paġ. 13) u ma' l-agħsafar bħall-kanarin fil-poeżiji "Għasfur Ċkejken" (paġ. 22, 23) u "Lill-Kanarin Tiegħi" (paġ. 42).



jaqbad minn paġna 4

# ĠENERI DRAMMATIĊI MALTIN

riżultat ikun għajb u rvina. Ma tridx wisq biex tilmaħ hawn xejra ta' pessimiżmu. Il-ħolqa bejnu u Shakespeare kien Byron. Byron sab skuża għal Kajjin f'**Cain;** Ibsen, jurina lill-bniedem Ġuda bħala qaddej tas-soċjetà.

Ir-realiżmu ta' Ibsen qata' wkoll l-artifiċjalità fir-reċtar, imma dak tiegħu kien realiżmu limitat, selettiv, b'suġġetti realistiċi għalkemm ħafna drabi anqas ma hu nieqes l-element melodrammatiku, imma bi djalogar ftit jew wisq maħsub u eżatt kemm fil-loġika u kemm fil-għażla tal-kelma u l-espressjoni. Kien għadu l-bidu, u riedu jgħaddu ħafna snin biex naslu għad-djalogar naturalistiku tal-lum. Aktarx li huwa lil August Strindberg (1849-1912), Żvediż, li għandna nattribwixxu l-introduzzjoni tan-naturaliżmu bi drammi bħal **Is-Sinjorina Julie** (1888). Fi Franza ta sehem kbir Emilie Zola, u Becque stabbilieh bis-saħħa tat-*Theatre Libre* ta' Antoine. Fir-Russja, Stanislavski, *producer* u t-Teatru ta' l-Arti ta' Moscow għamlu suċċess bid-dramm ta' **Maxim Gorki, Il-Qigħan (1902)**, imma kien fil-Ġermanja li dan it-teatru naturalista rabba l-għeruq l-aktar felħana b'**Die Familie Selicke** (1890) ta' Arno Holz u d-drammi naturalisti ta' Hauptmann u Schonnher. L-Istati Uniti tawna kontribut importanti bid-drammi bikrin ta' Eugene O'Neill, ċerti aspetti tax-xogħol ta' Maxwell Anderson u verżjonijiet drammatizzati tar-rumanzi ta' Erskine Caldwell u Steinbeck.

Nerġa'għar-Russja u l-erba' drammi kbar u importanti letterarjament u storikament ta' Cekov (1860 - 1904), realista, li sab is-suġġetti tiegħu fil-ħajja u d-drawwiet ta' kuljum, imma nqeda wkoll bis-simboliżmu; il-qirda tal-gawwija **f'Il-Gawwija** (1896) tissimbolizza s-seduzzjoni ta' Nina minn Trigorin, f'**Il-Ġardina taċ-Ċirasa** (1904) il-ġardina tissimbolizza lir-Russja, li min hu fil-ħakma qed iħalli taqa' f'idejn min ma jafx jibża' għaliha u min ma jgħożżhiex. F'ittra lil ħabibu Suvorin, Cekov kiteb: "Għandna nkunu komplessi u sempliċi daqskemm hija l-ħajja. In-nies tiekol u fl-istess waqt jiġri dak li jhennilha jew iħassrilha ħajjitha."

Kemm fl-Ingilterra u kemm fl-Italja, ir-realiżmu dam ma rabba għeruq fuq il-palk. Fl-Ingilterra ried jasal Bernard Shaw bil-kritika ħarxa tiegħu biex sa fl-aħħar ġew aċċettati Ibsen u Strindberg.

It-teatru realista u naturalista, li hawn min isejjaħlu wkoll verista, huwa oġġettiv, jiġifieri l-awtur iżomm ruħu indipendenti kemm jista' jkun mill-karattri, iqishom bħala nies li jara u jisma', imma mhux tabilfors jaf il-għaliex ta' mġibthom, jista' jifhem u jista' ma jifhemx; kemm jista' jkun ma jindaħlilhomx, iħallihom imexxuh huma, wara li jistabbilixxu bidu, sitwazzjoni u karattri involuti. Idealment ir-realista jibda dramm bla ma jaf fejn se jispiċċa jew jikkonkludi — għax dik u hekk hija l-ħajja. inkonklużiva u inkonsekwenzjali, anzi kapriċċuża - u ma hemm xejn li wieħed jista' jagħmel. Huwa l-karattru li jitkellem, fil-ħerqa, il-ħeġġa u s-sitwazzjoni tal-mument, mhux l-awtur. U la l-awtur realista jew naturalista jaċċetta l-ħajja kif inhi, u hekk jipproduċiha, jiġi li dawn it-teatri huma minn qaddishom pessimisti: ir-realista sab lil Kajjin meta sar jaf il-bniedem, u għalih in-natura umana għadha dik ta' Kajjin, imqar jekk it-tajjeb u l-ħanin ma jonqosx. Il-bniedem m'hux liberu li jibdel jew jinbidel, imqar jekk inħoloq ħieles biex jagħżel it-tajjeb mill-ħażin, għax ikkundizzjonat mid-determiniżmu evoluzzjonarju li jillimitalu l-libertà tiegħu.

Ta' din l-għamla hija fil-biċċa l-kbira l-kitba drammatika tiegħi. Naħseb li nkun ġustifikat jekk ngħid li kont jien li bdejt ir-realiżmu fit-teatru Malti bid-dramm "Salib Ħaddieħor", b'reazzjoni għat-teatru romantiku li kienu bdew Luigi Rosato (**Caterina**), Anton Cremona (**Il-Fidwa tal-Bdiewa**) u Erin Serracino Inglott (**Il-Barrani, Ir-Raheb, Ir-Raġel li Ħadha mal-Mewt, Razju Vidal**) u oħrajn ta' anqas importanza. Drammaturgi Maltin oħra li kitbu drammi romantiċi huma Ġużè Galea, Ġorġ Zammit u Ġorġ Pisani.








FARSONS SHANDY
TASTEFULLY REFRESHING
A quality product from FARSONS